Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0335(COD)

8.4.2026

EMENDI
946 - 1290

Abbozz ta' rapport
Elena Donazzan
(PE784.432v01-00)

Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0335 – 2025/0335(COD))

Emenda 946
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(87) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit tar-rapportar tal-inċidenti stabbilit bħalissa fid-Direttiva (UE) 2022/2555 jew fid-Direttiva (UE) 2022/2557. Minħabba f'hekk, ir-regoli tar-rapportar skont dawn iż-żewġ Direttivi jenħtieġ likomplu japplikaw għalkollox għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li huma entitajiet essenzjali jew importanti, u rispettivament entitajiet kritiċi, skont dawk id-Direttivi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 947
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(87) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit tar-rapportar tal-inċidenti stabbilit bħalissa fid-Direttiva (UE) 2022/2555 jew fid-Direttiva (UE) 2022/2557. ***Minħabba f'hekk, ir-regoli tar-rapportar skont dawn***	(87) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit tar-rapportar tal-inċidenti stabbilit bħalissa fid-Direttiva (UE) 2022/2555 jew fid-Direttiva (UE) 2022/2557.

iż-żewġ Direttivi jenħtieġ likomplu japplikaw għalkollox għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li huma entitajiet essenzjali jew importanti, u rispettivament entitajiet kritiċi, skont dawk id-Direttivi.

Or. en

Emenda 948
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(88) L-awtoritajiet superviżorji stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 jistgħu jkunu differenti mill-awtoritajiet kompetenti dežinjati jew stabbiliti skont dan ir-Regolament. Biex jissaħħu l-fehim u l-għarfien ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti rigward id-daqs u l-impatt tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi nazzjonali tal-infrastruttura spazjali lill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jgħaddu informazzjoni fil-qosor relatata lill-Aġenzija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 949
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(88) L-awtoritajiet superviżorji stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 jistgħu jkunu differenti mill-awtoritajiet kompetenti dežinjati jew stabbiliti skont dan ir-Regolament. Biex jissaħħu l-fehim u l-għarfien ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti rigward id-daqs u l-impatt tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi nazzjonali tal-infrastruttura spazjali lill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament ***li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jgħaddu informazzjoni fil-qosor relatata lill-Aġenzija***.	(88) L-awtoritajiet superviżorji stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 jistgħu jkunu differenti mill-awtoritajiet kompetenti dežinjati jew stabbiliti skont dan ir-Regolament. Biex jissaħħu l-fehim u l-għarfien ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti rigward id-daqs u l-impatt tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jirrapportaw l-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-assi nazzjonali tal-infrastruttura spazjali lill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 950
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 89

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(89) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u skambji regolari bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiġi ssimplifikat ir-rapportar tal-inċidenti fis-settur spazjali u jinkisbu approċċi konsistenti madwar l-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali. In-Network tar-Reżiljenza Spazjali tal-Unjoni (EUSRN) jenħtieġ li jkollu rwol importanti biex tinbena din il-konsistenza u tkun żgurata l-koordinazzjoni mal-istrutturi rilevanti stabbiliti mill-oqfsa ġenerali taċ-ċibersigurtà u tar-reżiljenza stabbiliti mid-Direttivi (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557, b'mod partikolari man-network tal-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters u n-network Ewropew tal-	***imħassar***

organizzazzjonijiet ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżi (EU-CyCLONe) stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2022/2555, pereżempju billi jipprovdi aġġornamenti sitwazzjonali jew meta l-inċidenti sinifikanti tal-infrastruttura spazjali jista' jkollhom impatt fuq setturi u servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi. B'mod partikolari, il-kalkoli tal-EUSRN ikunu strumentali wkoll fid-direzzjonar tal-proposti għal soluzzjonijiet li jissimplifikaw ir-rapportar tal-inċidenti ċibernetiċi fis-settur spazjali, ħalli dan jiġi allinjat mal-approċċ ta' simplifikazzjoni fil-kuntest tan-NIS 2, u b'hekk iwitti t-triq għal konverġenza sħiħa tas-setturi spazjali u ċibernetiċi, għall-ġid tal-komunità spazjali kollha

Or. en

Emenda 951
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt	***imħassar***

tagħhom.

Or. en

Emenda 952
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom.	(91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-operaturi jiżguraw li l-infrastrutturi u d-data jiġu protetti mit-theddid ċibernetiku u fiżiku, jistabbilixxu proċeduri ċari għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, u jipprevedu miżuri xierqa biex is-servizzi jiġu restawrati malajr wara li jkun seħħ tfixkil.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Is-settur spazjali huwa affettwat ukoll mill-attakki ċibernetiċi, u għalhekk hemm bżonn ta' proċeduri ċari għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'tali sitwazzjonijiet biex jinstabu soluzzjonijiet malajr.

Emenda 953
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. ***Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom.***	(91) Il-kondiviżjoni volontarja tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali.

Or. en

Emenda 954
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) Il-kondiviżjoni ***volontarja*** tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-	(91) Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-theddid ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi, l-interferenzi elettroniċi, bħal jamming, spoofing, indikaturi ta' kompromess, tattiċi, tekniki u proċeduri kontenzjużi, vulnerabbiltajiet, informazzjoni speċifika għall-atturi tat-theddid, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' prattiki u rakkomandazzjonijiet tajbin dwar iċ-ċibersigurtà jżidu l-livell ġenerali tar-

reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom.

reżiljenza tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal din il-kondiviżjoni tal-informazzjoni li tikkontribwixxi biex tittiejjeb il-kapaċità tal-operaturi spazjali li jevitaw l-inċidenti u jrażżnu l-impatt tagħhom.

Or. fr

Emenda 955
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(92) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiskambjaw dik l-informazzjoni b'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jipproteġu kif xieraq in-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u li jkunu regolati minn regoli speċifiċi tal-kondotta, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità kummerċjali, regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], u regoli tal-politika tal-kompetizzjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol attiv fl-iffaċilitar ta' tali arranġamenti, billi tappoġġa u tippromwovi l-istabbiliment ta' Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni dwar l-Ispazju tal-UE li jibni wkoll fuq l-esperjenza ta' setturi oħra.***	(92) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiskambjaw dik l-informazzjoni b'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jipproteġu kif xieraq in-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u li jkunu regolati minn regoli speċifiċi tal-kondotta, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità kummerċjali, regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], u regoli tal-politika tal-kompetizzjoni.
[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali	[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali

data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Or. en

Emenda 956
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(92) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiskambjaw dik l-informazzjoni b'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jipproteġu kif xieraq in-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u li jkunu regolati minn regoli speċifiċi tal-kondotta, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità kummerċjali, regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], u regoli tal-politika tal-kompetizzjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li taqdi rwol attiv fl-iffaċilitar ta' tali arranġamenti, billi tappoġġa u tippromwovi l-istabbiliment ta' Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni dwar l-Ispazju tal-UE li jibni wkoll fuq l-esperjenza ta' setturi oħra.***	(92) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jiskambjaw dik l-informazzjoni b'arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jipproteġu kif xieraq in-natura potenzjalment sensittiva tal-informazzjoni kondiviża u li jkunu regolati minn regoli speċifiċi tal-kondotta, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità kummerċjali, regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], u regoli tal-politika tal-kompetizzjoni.
[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni	[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni

tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Or. en

Emenda 957
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 92a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(92a) Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-operaturi spazjali tal-Unjoni jidentifikaw il-komponenti u l-materjali kritiċi mhux tal-Unjoni użati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lid-dipendenzi li jinvolvu materja prima klassifikata bħala kritika jew strateġika skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, peress li tali dipendenzi jesponu lill-infrastrutturi spazjali għal riskji sistemiċi. Jenħtieġ li l-valutazzjoni sistematika ta' dawn id-dipendenzi, inklużi dawk awtorizzati b'deroga, tippermetti lill-Unjoni tidentifika miżuri ta' rimedju xierqa u, meta rilevanti, timmobilizza l-istrumenti tal-Unjoni li jappoġġaw id-diversifikazzjoni industrijali.

Or. en

Emenda 958
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli	(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli

armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.

armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari. ***L-objettiv jenħtieġ li jkun li sal-2050 tintlaħaq in-newtralità karbonika fis-settur spazjali Ewropew, filwaqt li jitqiesu l-emissjonijiet fl-atmosfera għolja.***

Or. en

Emenda 959
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali ***biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern*** u titħeġġeġ sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, ***tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u*** tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.	(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali u titħeġġeġ sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari.

Or. fr

Emenda 960
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ***is-sostenibbiltà ambjentali*** biex jintlaħaq il-potenzjal tas-	(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ***l-użu responsabbli tar-riżorsi fl-attivitajiet fl-ispazju*** biex

suq intern ***u titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali,*** tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u ***tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari***.

jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern***,*** tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u ***jitħeġġu l-operabbiltà u s-sikurezza fit-tul tal-infrastruttura u s-servizzi spazjali, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn għall-operaturi, b'mod partikolari l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka***.

Or. en

Emenda 961
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) ***Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u titħeġġeġ*** is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali***, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari***.	(93) ***Il-linji gwida dwar*** is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali ***jenħtieġ li jiġu fformulati f'konformità mal-istandards industrijali internazzjonali u l-aħjar prattiki eżistenti sabiex ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew***.

Or. en

Emenda 962
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ***is-sostenibbiltà ambjentali*** biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u ***titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali,*** tiġi evitata l-	(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ***l-użu responsabbli tar-riżorsi orbitali u dwar is-sikurezza u l-vijabbiltà fit-tul tal-ambjent spazjali*** biex jintlaħaq il-potenzjal tas-suq intern u tiġi

frammentazzjoni ***tas-suq u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari***.	evitata l-frammentazzjoni ***regolatorja, mingħajr ma jiġu imposti piżijiet amministrattivi jew finanzjarji sproporzjonati fuq l-operaturi spazjali***.

Or. en

Emenda 963
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 93

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex ***jintlaħaq il-potenzjal tas-suq*** intern ***u*** titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq ***u tissokta t-tranżizzjoni lejn ekonomija ġusta, newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari***.	(93) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar is-sostenibbiltà ambjentali biex ***jinkiseb is-suq*** intern***, tiġi appoġġata l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea u*** titħeġġeġ is-sostenibbiltà ambjentali fis-settur spazjali, ***filwaqt li*** tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq.

Or. en

Emenda 964
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 93a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(93a) Hemm evidenza dejjem akbar tal-impatti negattivi tal-attivitajiet fl-ispazju fuq il-klima u s-saff tal-ożonu, li ġejjin prinċipalment mir-rilaxx tal-ġmied, l-alumina, il-fwar tal-ilma u l-ossidi tan-nitroġenu. Filwaqt li s-settur spazjali bħalissa jirrappreżenta sehem żgħir mill-emissjonijiet meta mqabbel ma' setturi

oħra, l-impatti ambjentali ta' llanċjar wieħed huma sinifikament ogħla minn ta' titjira b'ajruplan, u dawn l-impatti huma mistennija li jsiru aktar sostanzjali hekk kif l-attivitajiet fl-ispazju jkomplu jikbru. Ix-xjenzjati qed jindikaw ukoll dejjem aktar forom oħra ta' ħsara ambjentali kkawżata minn attivitajiet fl-ispazju, inkluż it-tniġġis tal-ħamrija u tal-arja ġġenerat waqt l-illanċjar, u t-tniġġis tal-Oċean Paċifiku kkawżat mill-iskart tal-inġenji spazjali. Hemm riskju reali li l-attivitajiet fl-ispazju jimminaw l-irkupru tas-saff tal-ożonu osservat sa mill-adozzjoni tal-Protokoll ta' Montreal. L-espansjoni tal-attivitajiet fl-ispazju jaf tipperikola wkoll l-objettiv tal-Unjoni li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050, kif ukoll il-miri stabbiliti fl-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Unjoni. Huwa għalhekk essenzjali li l-operaturi spazjali jinvestigaw kemm l-impatti negattivi tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-klima, l-ożonu u l-ambjent kif ukoll il-mezzi biex jiġu mmitigati, pereżempju permezz tal-użu ta' propellanti b'emissjonijiet aktar baxxi u permezz ta' aġġustamenti fid-disinn tal-inġenji spazjali, l-użu materjali u t-trajettorji. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-settur spazjali li tkun kompatibbli mat-trajettorja tal-Unjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi tal-industrija billi tivvaluta l-użu potenzjali ta' propellanti alternattivi b'impronta klimatika u ambjentali aktar baxxa. Jenħtieġ ukoll li s-sostituzzjoni tal-propellanti li qed jintużaw bħalissa tnaqqas il-perikli għas-saħħa tal-bniedem, inkluża l-karċinoġenità.

Or. en

Emenda 965
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(94) Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 966
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(94) Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.	(94) ***Is-settur spazjali huwa responsabbli għall-użu dejjem akbar ta' riżorsi u materjali, inkluża l-materja prima li hija kritika għall-awtonomija u r-reżiljenza strateġika tal-Unjoni.*** Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali ***inklużi prodotti b'possibbiltà akbar ta' tiswija,***

manutenzjoni, użu mill-ġdid u riċiklaġġ. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.

Or. en

Emenda 967
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(94) Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li ***tkun tappoġġa*** l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anke l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.	(94) Bidla lejn prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju jenħtieġ li ***qabelxejn tinvolvi riflessjoni dwar is-sobrjetà tal-attivitajiet spazjali bbażata fuq riflessjoni tal-ħtiġijiet, filwaqt li jiġi promoss*** l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anke l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju.

Or. fr

Emenda 968
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(94) ***Bidla*** lejn ***prattiki sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija*** ċirkolari fl-ispazju ***jenħtieġ li tkun tappoġġa l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan*** il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, ***l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt*** ambjentali. F'dan ***ir-rigward, jenħtieġ li anki*** l-ISOS ***ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju***.	(94) ***It-tranżizzjoni*** lejn ***ekonomija*** ċirkolari ***u prattiki sostenibbli*** fl-ispazju ***tirrappreżenta opportunità tremenda għall-industrija spazjali biex ittejjeb l-effiċjenza, ir-reżiljenza, u l-innovazzjoni. Billi jħaddan*** il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, ***is-settur jista' mhux biss jadotta strateġiji ta' sostenibbiltà ppruvati iżda wkoll ikun pijunier ta' teknoloġiji u materjali ġodda li jimminimizzaw*** l-impatt ambjentali ***u jimmassimizzaw il-valur tar-riżorsi***. F'dan ***il-kuntest,*** l-ISOS ***se jkollu rwol ċentrali fl-ixprunar ta' din l-evoluzzjoni - l-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni, l-istabbiliment ta' standards, u l-iffaċilitar tal-użu responsabbli fit-tul tar-riżorsi spazjali***.
	Or. en

Emenda 969
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(94) Bidla lejn prattiki ***sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari*** fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa ***l-użu sostenibbli*** fit-tul ***tar-riżorsi tal-attivitajiet fl-ispazju. Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, l-industrija*** spazjali ***jenħtieġ li tadotta prattiki aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju***.	(94) Bidla lejn prattiki ***effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sodi mill-aspett operazzjonali*** fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa ***s-sikurezza u l-vijabbiltà*** fit-tul ***tal-ambjent orbitali. L-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispazju (ISOS) jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-residwi*** spazjali ***u għall-estensjoni tal-ħajja operazzjonali tal-assi spazjali, dment li l-qafas regolatorju ma jimponix rekwiżiti preskrittivi prematuri li jistgħu jfixklu l-ħolqien ta' mudelli tan-negozju Ewropej tal-ISOS***.
	Or. en

Emenda 970
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(94) Bidla lejn prattiki ***sostenibbli u bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari*** fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa ***l-użu sostenibbli*** fit-tul ***tar-riżorsi*** tal-attivitajiet fl-ispazju. ***Billi tibda tħaddan il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari,*** l-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki ***aktar sostenibbli, magħrufin li huma effettivi, filwaqt li tixpruna wkoll l-innovazzjoni lejn prodotti ġodda b'inqas impatt ambjentali***. F'dan ir-rigward, ***jenħtieġ li anki l-ISOS ikun kruċjali biex jiffaċilita din il-bidla lejn is-sostenibbiltà u l-ekonomija ċirkolari fl-ispazju***.	(94) Bidla lejn prattiki ***effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kosteffettivi*** fl-ispazju jenħtieġ li tkun tappoġġa ***l-operabbiltà u s-sikurezza*** fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju. L-industrija spazjali jenħtieġ li tadotta prattiki ***li jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-missjonijiet u jnaqqsu l-iskart bla bżonn meta jkun teknikament u ekonomikament fattibbli, mingħajr ma timponi obbligi sproporzjonati*** F'dan ir-rigward, ***l-operazzjonijiet u s-servizzi fl-ispazju (ISOS) jistgħu jikkontribwixxu għal użu aktar effiċjenti tal-assi u għall-mitigazzjoni tar-riskji tar-residwi spazjali.”***

Or. en

Emenda 971
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(95) Peress li dan ir-Regolament hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari. L-istudji dwar l-Impronta Ambjentali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li f'dan is-sens	***imħassar***

jappoġġaw l-iżvilupp ta' prattiki aħjar tal-ekodisinn u jikkontribwixxu għall-immappjar tal-flussi tal-enerġija u tal-materjali fis-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż il-materja prima strateġika u/jew kritika u jippermettu reżiljenza akbar tal-katina tal-provvista.

Or. en

Emenda 972
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(95) Peress li dan ir-Regolament hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari. L-istudji dwar l-Impronta Ambjentali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li f'dan is-sens jappoġġaw l-iżvilupp ta' prattiki aħjar tal-ekodisinn u jikkontribwixxu għall-immappjar tal-flussi tal-enerġija u tal-materjali fis-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż il-materja prima strateġika u/jew kritika u jippermettu reżiljenza akbar tal-katina tal-provvista.	***imħassar***

Or. en

Emenda 973
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(95) Peress li dan ir-Regolament hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari. ***L-istudji dwar l-Impronta Ambjentali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li f'dan is-sens jappoġġaw l-iżvilupp ta' prattiki aħjar tal-ekodisinn u jikkontribwixxu għall-immappjar tal-flussi tal-enerġija u tal-materjali fis-settur spazjali tal-Unjoni, inkluż il-materja prima strateġika u/jew kritika u jippermettu reżiljenza akbar tal-katina tal-provvista.***	(95) Peress li dan ir-Regolament hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Or. en

Emenda 974
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(95) ***Peress li*** dan ir-Regolament ***hu parti mill-isforzi komprensivi tal-Unjoni biex tistabbilixxi qafas ta' politika sod għall-prodotti, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju ambjentalment sostenibbli, dan jenħtieġ li jikkomplementa l-miżuri stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-qafas tal-Pjan*** ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari***.*** L-istudji ***dwar l-Impronta Ambjentali fil-kuntest ta'*** dan ir-Regolament ***jenħtieġ li f'dan is-sens jappoġġaw l-iżvilupp ta' prattiki aħjar tal-***	(95) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiffoka fuq il-karatteristiċi tekniċi, is-sikurezza u r-reżiljenza tal-missjonijiet spazjali u jenħtieġ li ma jidduplikax il-leġiżlazzjoni orizzontali dwar il-politika tal-prodotti bħall-qafas tal-ekodisinn jew il-Pjan*** ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari***.*** L-istudji ***relatati mal-impronta ambjentali skont*** dan ir-Regolament ***jistgħu jipprovdu input analitiku dwar il-flussi*** tal-enerġija ***u tal-materjal*** fis-settur spazjali tal-Unjoni, ***iżda kwalunkwe obbligu ġdid relatat mal-prodott jew***

ekodisinn u jikkontribwixxu għall-immappjar tal-flussi tal-enerġija u ***tal-materjali*** fis-settur spazjali tal-Unjoni, ***inkluż il-materja prima strateġika u/jew kritika u jippermettu reżiljenza akbar tal-katina tal-provvista.***	***kundizzjoni ġdida ta' aċċess għas-suq trid, jekk jitqies meħtieġ, tiġi adottata permezz ta' atti leġiżlattivi separati u ddedikati***.

Or. en

Emenda 975
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(96) Minħabba f'hekk, l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu jikkalkulaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma dan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 976
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(96) Minħabba f'hekk, l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu jikkalkulaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-	***imħassar***

verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma dan.

Or. en

Emenda 977
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(96) ***Minħabba f'hekk,*** l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu ***jikkalkulaw*** l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. ***Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma dan.***	(96) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu ***jistmaw*** l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali.

Or. en

Emenda 978
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(96) Minħabba f'hekk, l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu jikkalkulaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-	(96) Minħabba f'hekk, l-operaturi spazjali jenħtieġ li jintalbu jikkalkulaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni tal-kalkolu tal-

impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma ***dan***.	impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma ***l-kalkolu korrett tal-impronta***.

Or. en

Emenda 979
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 96

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(96) ***Minħabba f'hekk,*** l-operaturi spazjali jenħtieġ li ***jintalbu jikkalkulaw*** l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. ***Jenħtieġ li jinħareġ ċertifikat minn korp tekniku kwalifikat għall-attivitajiet fl-ispazju li jwettaq il-verifika u l-validazzjoni*** tal-kalkolu ***tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, biex jafferma dan***.	(96) L-operaturi spazjali jenħtieġ li ***jiġu mħeġġa jistmaw*** l-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali. ***Sabiex jiġi evitat kwalunkwe piż eċċessiv, jenħtieġ li l-obbligi*** tal-kalkolu ***ma japplikawx għal missjonijiet fuq skala żgħira, attivitajiet sperimentali jew proġetti ta' riċerka u innovazzjoni, ħlief meta l-operaturi volontarjament jagħżlu li jikkonformaw magħhom.***

Or. en

Emenda 980
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards	***imħassar***

internazzjonali, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali.

Or. en

Emenda 981
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 982
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(97) Biex ***jiġi limitat l-impatt ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju ***u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom***, il-	(97) Biex ***jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza fl-impatti ambjentali tal-attivitajiet*** fl-ispazju, il-Kummissjoni

Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali***, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi*** tal-Impronta Ambjentali***, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun*** tas-sistemi spazjali.	jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata ***volontarja*** għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali***. Il-metodoloġija dettaljata għall-kalkolu*** tal-impronta ambjentali ***jenħtieġ li titfassal b'tali mod li timminimizza l-kumplessità teknika u l-kostijiet tal-konformità, tevita d-duplikazzjoni ma' oqfsa Ewropej jew internazzjonali eżistenti oħra u tqis il-kapaċitajiet, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-metodoloġija tiffaċilita l-paragun*** tas-sistemi spazjali***, tissimplifika l-proċessi tal-kalkolu, tnaqqas il-piż amministrattiv, ittejjeb iċ-ċarezza, u tiżgura implimentazzjoni konsistenti fis-settur kollu***.
	Or. en

Emenda 983
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali***, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta*** Ambjentali***, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali***.	(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali***. PEFCR4Space jista' jservi bħala metodu primarju għall-kalkolu tal-impatt*** ambjentali.
	Or. en

Emenda 984
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 97

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali.	(97) Biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju u titħeġġeġ is-sostenibbiltà tagħhom, il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-esperti rilevanti dwar l-ispazju,*** jenħtieġ li tiżviluppa metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, abbażi ta' metodi tal-valutazzjoni xjentifikament sodi jew standards internazzjonali, bħal dawk deskritti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali, ħalli jiġi ffaċilitat il-paragun tas-sistemi spazjali.

Or. en

Emenda 985
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-	***imħassar***

trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-riingħenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-oriġini tad-data.

Or. en

Emenda 986
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(98) ***Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza.*** Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. ***Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr***	(98) Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali, il-proprjetà intellettwali jew l-informazzjoni sensittiva***.

preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-riingħenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-oriġini tad-data.

Or. en

Emenda 987
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. ***Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati***	(98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju.

trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-riinġenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-oriġini tad-data.

Or. en

Emenda 988
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Premessa 98

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-	(98) Fl-istess ħin, l-integrità tal-asserzjonijiet ambjentali ma tistax tiġi ssostanzjata mingħajr informazzjoni affidabbli, komparabbli u verifikabbli. Id-data jenħtieġ li tissodisfa standards għoljin ta' eżattezza. Id-data standardizzata dwar l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tikkontribwixxi għal bażi tad-data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni li jenħtieġ li taħżen data relatata mal-impronta ambjentali, u b'hekk tiffaċilita t-trasparenza u tħeġġeġ il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data dwar l-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) tal-attivitajiet fl-ispazju. ***F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura konverġenza mal-bażijiet tad-data eżistenti tal-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja żviluppati mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, tittejjeb il-kwalità tad-data u tiġi appoġġata l-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew.*** Is-sjieda tal-Unjoni tas-settijiet tad-data derivati jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għas-sjieda tal-operaturi spazjali tal-Unjoni, tal-operaturi spazjali ta'

riinġenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-oriġini tad-data.

pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, tad-data inkluża fis-settijiet tad-data aggregati u diżaggregati trażmessi lill-bażi tad-data tal-Kummissjoni relatata mal-impronta ambjentali. La s-settijiet tad-data derivati u lanqas is-settijiet tad-data aggregati, meta ppubblikati mill-Kummissjoni, ma jistgħu jippermettu r-riinġenerija jew id-dekompilazzjoni tad-data b'mod li tiġi identifikata l-oriġini tad-data.

Or. en

Emenda 989
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju estratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija ***spazjali***), ***trawwem is-sostenibbiltà u żżid*** ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, ***kif ukoll ittaffi*** r-riskji relatati mar-residwi spazjali.	(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju estratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija ***spazjali***), ***iżżid*** ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, ***u ttaffi*** r-riskji relatati mar-residwi spazjali***, filwaqt li tevita ostakli regolatorji bla bżonn għal mudelli tan-negozju innovattivi tal-ISOS***.

Or. en

Emenda 990
Marina Mesure

Proposta għal regolament

Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju ekstratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li ***tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija spazjali),*** trawwem is-sostenibbiltà u żżid ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll ittaffi r-riskji relatati mar-residwi spazjali.	(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju ekstratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li trawwem is-sostenibbiltà u żżid ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll ittaffi r-riskji relatati mar-residwi spazjali.

Or. fr

Emenda 991
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 99

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju estratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija spazjali), ***trawwem is-sostenibbiltà u żżid*** ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll ittaffi r-riskji relatati mar-residwi spazjali.	(99) Kwalunkwe ISOS għandhom isiru b'mod sikur, responsabbli u paċifiku, filwaqt li jitħarsu d-drittijiet ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi terzi biex jiġi esplorat u użat l-ispazju estratmosferiku. Il-qasam il-ġdid tal-ISOS, bl-applikazzjonijiet u l-kapaċitajiet relatati tiegħu, jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp futur tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' swieq ġodda (ekonomija spazjali), ***iżżid*** ir-reżiljenza, l-adattabbiltà u l-iskalabbiltà tal-infrastruttura spazjali, kif ukoll ittaffi r-riskji relatati mar-residwi spazjali.

Or. en

Emenda 992
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 100

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(100) Filwaqt li t-teknoloġija tal-ISOS għandha użu doppju b'mod inerenti, ***qafas trasparenti bbażat fuq prinċipji ewlenin itaffi r-riskju*** ta' użu ħażin tal-kapaċità u tat-teknoloġija fil-kuntest tal-forniment tal-ISOS. Billi l-ewwel operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju diġà huma disponibbli fl-Unjoni, bħal dawk għall-ispezzjoni u t-trasport, fl-istess ħin jeħtieġ li jitrawmu r-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija ISOS u li jintwerew teknoloġiji u servizzi ddedikati fl-ispazju.	(100) Filwaqt li t-teknoloġija tal-ISOS għandha użu doppju b'mod inerenti, ***ir-riskju*** ta' użu ħażin tal-kapaċità u tat-teknoloġija fil-kuntest tal-forniment tal-ISOS ***jenħtieġ li jiġi minimizzat***. Billi l-ewwel operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju diġà huma disponibbli fl-Unjoni, bħal dawk għall-ispezzjoni u t-trasport, fl-istess ħin jeħtieġ li jitrawmu r-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġija ISOS u li jintwerew teknoloġiji u servizzi ddedikati fl-ispazju.

Or. en

Emenda 993
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 101

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(101) Il-missjonijiet spazjali tal-ISOS jaf ikollhom natura kumplessa u għalhekk jeħtieġu tħejjija dettaljata. Inġenju spazjali ta' servizzjant iwettaq operazzjonijiet ta' rendezvous u ta' prossimità bil-livell speċifikat ta' awtonomija u jwettaq operazzjonijiet tipiċi, bħal, pereżempju, operazzjonijiet ta' trakkar, robotiċi u tar-riforniment. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn inġenju spazjali	***imħassar***

ta' servizzjant u inġenju spazjali klijent jew l-oġġett tar-residwi jenħtieġ li jkun evitat u mitigat b'azzjonijiet xierqa, bħalma hija t-tħejjija tal-inġenju spazjali futur biex jirċievi servizzi fl-ispazju.

Or. en

Emenda 994
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 102

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(102) Fir-rigward tal-evitar ta' kolliżjonijiet u r-regoli tat-traffiku orbitali, biex ikunu żgurati servizzi spazjali effiċjenti tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni u l-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni ***għandhom*** jikkooperaw flimkien, b'mod partikolari fil-każ ta' Twissija HIE.	(102) Fir-rigward tal-evitar ta' kolliżjonijiet u r-regoli tat-traffiku orbitali, biex ikunu żgurati servizzi spazjali effiċjenti tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni u l-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni ***jeħtiġilhom*** jikkooperaw flimkien, b'mod partikolari fil-każ ta' Twissija HIE.

Or. fr

Emenda 995
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 102

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(102) Fir-rigward tal-evitar ta' kolliżjonijiet u r-regoli tat-traffiku orbitali, biex ikunu żgurati servizzi spazjali effiċjenti tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni u ***l-fornitur*** tas-servizzi spazjali tas-CA ***tal-Unjoni*** għandhom jikkooperaw flimkien, b'mod partikolari fil-każ ta' Twissija HIE.	(102) Fir-rigward tal-evitar ta' kolliżjonijiet u r-regoli tat-traffiku orbitali, biex ikunu żgurati servizzi spazjali effiċjenti tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni u ***l-forniturі*** tas-servizzi spazjali tas-CA għandhom jikkooperaw flimkien, b'mod partikolari fil-każ ta' Twissija HIE.

Or. en

Emenda 996
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 103

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(103) Peress li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-awtorizzazzjonijiet lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, għall-fażijiet kollha ta' missjoni spazjali, kull inġenju spazjali awtorizzat individwali jeħtieġ aċċess għad-data sa tmiem il-ħajja tiegħu. Biex jingranaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet eżistenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq il-kapaċitajiet tas-Sħubija UE-SST biex iwettqu l-monitoraġġ tul il-fażijiet tal-orbita u ta' tmiem il-ħajja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 997
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 103

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(103) Peress li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-awtorizzazzjonijiet lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, għall-fażijiet kollha ta' missjoni spazjali, kull inġenju spazjali awtorizzat individwali jeħtieġ aċċess għad-data sa tmiem il-ħajja tiegħu. Biex jingranaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet eżistenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq il-kapaċitajiet ***tas-Sħubija UE-SST*** biex iwettqu l-monitoraġġ tul il-fażijiet tal-orbita u ta' tmiem il-ħajja.	(103) Peress li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-awtorizzazzjonijiet lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, għall-fażijiet kollha ta' missjoni spazjali, kull inġenju spazjali awtorizzat individwali jeħtieġ aċċess għad-data sa tmiem il-ħajja tiegħu. Biex jingranaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet eżistenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq il-kapaċitajiet ***tal-fornitur ta' servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet dežinjat skont l-Artikolu 64***

	biex iwettqu l-monitoraġġ tul il-fażijiet tal-orbita u ta' tmiem il-ħajja. ***Dik id-dežinjazzjoni għandha tirriżulta minn proċess ta' għażla miftuħ, kompetittiv u trasparenti li japplika kriterji ta' preferenza Ewropej, mingħajr ma jinħoloq monopolju statutorju li jeskludi l-fornituri privati Ewropej tal-SSA.***

Or. en

Emenda 998
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 105

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(105) Minħabba n-numru dejjem akbar ta' twissijiet HIE, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreaġixxu għal dawn it-twissijiet aktar ta' spiss. Malli jirċievi twissija HIE, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet jipproponi lista ta' azzjonijiet lill-operatur spazjali tal-Unjoni. Biex jiġi ffaċilitat il-ħin tar-rispons għall-fornitur tas-servizz tal-evitar tal-kolliżjonijiet, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura standardizzata għar-regoli tat-triq.	(105) Minħabba n-numru dejjem akbar ta' twissijiet HIE, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreaġixxu għal dawn it-twissijiet aktar ta' spiss. Malli jirċievi twissija HIE, il-fornitur tas-servizzi spazjali ***tal-Unjoni*** tal-evitar tal-kolliżjonijiet jipproponi lista ta' azzjonijiet lill-operatur spazjali tal-Unjoni. Biex jiġi ffaċilitat il-ħin tar-rispons għall-fornitur tas-servizz tal-evitar tal-kolliżjonijiet ***tal-Unjoni***, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura standardizzata għar-regoli tat-triq.

Or. fr

Emenda 999
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 106

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw ***jew jistabbilixxu awtorità*** kompetenti ***waħda jew aktar*** li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru, biex tiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni.***	(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw ***awtoritajiet*** kompetenti li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1000
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 106

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru, biex tiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni.	(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss***, entità pubblika u indipendenti,*** li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru, biex tiffaċilita l-

komunikazzjoni mal-Kummissjoni.

Or. fr

Emenda 1001
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 106

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru***, biex tiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni***.	(106) L-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fl-infurzar ta' dan ir-Regolament. Biex jitqiesu d-differenzi inerenti fost l-istrutturi istituzzjonali fil-livell nazzjonali, u biex jiġu salvagwardjati l-arranġamenti eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeżinjaw jew jistabbilixxu awtorità kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli fil-livell nazzjonali għall-kontroll tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ikun awtorità waħda biss li taġixxi bħala punt tal-kuntatt uniku għal dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 1002
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 107

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(107) ***Hemm bżonn tissaħħaħ il-konverġenza tas-setgħat għad-***	(107) Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu fdati b'sett minimu ta'

dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, biex ikun jista' jsir infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament fis-suq intern kollu. Setgħat minimi komuni flimkien ma' riżorsi adegwati jenħtieġ li jiggarantixxu l-effettività superviżorja. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu fdati b'sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Waqt l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu awtonomi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-membri tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-doveri tagħhom ***u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli tal-kunfidenzjalità***.

setgħat superviżorji u investigattivi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Waqt l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu awtonomi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-membri tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-doveri tagħhom.

Or. en

Emenda 1003
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 107

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(107) ***Hemm bżonn tissaħħaħ il-konverġenza tas-setgħat għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, biex ikun jista' jsir infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament fis-suq intern kollu. Setgħat minimi komuni flimkien ma' riżorsi adegwati jenħtieġ li jiggarantixxu l-effettività superviżorja. Għalhekk,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu fdati b'sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Waqt l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu	(107) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiġu fdati b'sett minimu ta' setgħat superviżorji u investigattivi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Waqt l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali u jibqgħu awtonomi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-membri tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-doveri tagħhom u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli tal-kunfidenzjalità.

awtonomi fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. Il-membri tal-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jieħdu l-ebda azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-doveri tagħhom u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli tal-kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 1004
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 108

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(108) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, inkluż billi jiġu stabbiliti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tar-regoli. ***Meta jivvalutaw l-ammont tal-multi, l-Istati Membri jenħtieġ li f'kull każ individwali jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni speċifika, b'kunsiderazzjoni xierqa, b'mod partikolari, tan-natura, tal-gravità u tad-durata tal-ksur, tal-permanenza tad-danni kkawżati jew ta' kull ksur preċedenti.***	(108) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, inkluż billi jiġu stabbiliti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tar-regoli.

Or. en

Emenda 1005
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 108

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(108) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-	(108) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-

miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, inkluż billi jiġu stabbiliti penali ***effettivi, proporzjonati u dissważivi*** għall-ksur tar-regoli***. Meta jivvalutaw l-ammont tal-multi, l-Istati Membri jenħtieġ li f'kull każ individwali jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni speċifika, b'kunsiderazzjoni xierqa, b'mod partikolari, tan-natura, tal-gravità u tad-durata tal-ksur, tal-permanenza tad-danni kkawżati jew ta' kull ksur preċedenti***.	miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati, inkluż billi jiġu stabbiliti penali għall-ksur tar-regoli ***u f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom***.

Or. en

Emenda 1006
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 109

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(109) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw flimkien u jiskambjaw prattiki tajbin dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***inkluż, pereżempju, bl-għoti ta' assistenza reċiproka u investigazzjonijiet konġunti mwettqa b'rispett sħiħ tal-proċeduri nazzjonali***.	(109) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw flimkien u jiskambjaw prattiki tajbin dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1007
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ	(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ

għarfien speċjalizzat ta’ dawk l-oqsma. F’ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

għarfien speċjalizzat ta’ dawk l-oqsma. F’ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi***, inkluż fuq l-għarfien espert tal-ESA,*** li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 1008
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta’ dawk l-oqsma. F’ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta’ dawk l-oqsma. F’ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi***, inkluż fuq l-għarfien espert tal-ESA,*** li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 1009
Sarah Knafo

Proposta għal regolament

Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. ***F'ħafna mill-każijiet,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku ***u espert*** tal-korpi tekniċi ***li kapaċi jwettqu*** l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku tal-korpi tekniċi ***kwalifikati, inkluża l-Aġenzija Spazjali Ewropea li taġixxi skont il-ftehim internazzjonali previst fl-Artikolu 108, biex iwettqu*** l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 1010
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. F'ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza ***u r-reżiljenza*** tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. F'ħafna mill-każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 1011
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. ***F'hafna mill-każijiet,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	(110) Il-valutazzjoni teknika relatata mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju teħtieġ għarfien speċjalizzat ta' dawk l-oqsma. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għarfien tekniku u espert tal-korpi tekniċi li kapaċi jwettqu l-valutazzjonijiet u verifiki biex jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħalli sussegwentement l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għat-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. fr

Emenda 1012
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 110a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(110a) Meta jitqies li l-korpi tekniċi msejħa biex jintervjenu fil-qafas ta' dan ir-Regolament jeħtiġilhom joffru kull garanzija ta' imparzjalità u indipendenza, jeħtieġ li jiġi previst li jiġu kostitwiti fil-forma ta' entitajiet pubbliċi u li ma jirrappreżentaw l-ebda kunflitt ta' interess, dirett jew indirett, mal-operaturi spazjali.

Or. fr

Emenda 1013

Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 111

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi.	(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi***, f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti***.

Or. en

Emenda 1014
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 111

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi.	(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi ***f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali***.

Or. en

Emenda 1015
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Premessa 111

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi.	(111) Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ***preservati*** arranġamenti flessibbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi li jagħżlu li jistrieħu fuq l-appoġġ tal-Aġenzija jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert tekniku għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tekniċi ***f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali***.

Or. en

Emenda 1016
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 112

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(112) L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jistabbilixxu u jużaw korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li jużaw is-sistema tal-akkreditazzjoni prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill meta jiddeżinjaw awtorità tan-notifika għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

Or. en

Emenda 1017
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 113

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(113) Biex ikun żgurat livell konsistenti ta' kwalità, għarfien espert u integrità fit-twettiq tal-valutazzjoni teknika dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, jeħtieġ jiġu stabbiliti rekwiżiti b'rabta mal-kompetenza, l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess ta' dawk il-korpi. ***L-awtoritajiet tan-notifika tal-Istati Membri jenħtieġ li jistrieħu fuq l-għodda elettronika tan-notifika żviluppata u ġestita mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-korpi notifikati għal oqsma oħra tas-suq intern (is-sistema tal-informazzjoni NANDO).***	(113) Biex ikun żgurat livell konsistenti ta' kwalità, għarfien espert u integrità fit-twettiq tal-valutazzjoni teknika dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, jeħtieġ jiġu stabbiliti rekwiżiti b'rabta mal-kompetenza, l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess ta' dawk il-korpi.

Or. en

Emenda 1018
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 113a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(113 a) Ir-rekwiżiti tekniċi li jinsabu fl-Annessi ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-qafas ta' sikurezza u sostenibbiltà għall-attivitajiet fl-ispazju. Is-setgħa li jiġu aġġornati dawk ir-rekwiżiti sabiex jirriflettu l-progress tekniku u l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment, u s-

setgħa li jiġu stabbiliti l-proċeduri li jirregolaw l-awtorità għas-sikurezza f'ħin reali matul l-operazzjonijiet tal-illanċjar, jirrappreżentaw is-setgħa li jiġu ssupplimentati jew emendati l-għażliet leġiżlattivi magħmula mil-leġiżlatur skont it-tifsira tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, tali setgħat jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni fil-forma ta' atti delegati, soġġett għad-dritt tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li joġġezzjonaw fi żmien xahrejn min-notifika ta' kull att. L-użu ta' atti ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' regoli ta' piż normattiv ekwivalenti jċaħħad lill-Parlament u lill-Kunsill minn dak id-dritt ta' skrutinju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda l-Annessi I, II u V fl-intier tagħhom permezz ta' atti delegati, sabiex tiżgura li l-aġġornamenti tekniċi għal dawk l-Annessi jkunu koerenti u sistemiċi aktar milli frammentati, u biex jiġu evitati inkonsistenzi bejn ir-rekwiżiti individwali li jikkondividu pedamenti tekniċi komuni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tekniċi fl-Annessi jirrappreżentaw is-sustanza ewlenija tas-sikurezza tar-Regolament. Li l-Parlament jinżamm involut fl-aġġornament tagħhom — permezz ta' atti delegati bi skrutinju parlamentari aktar milli atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni — huwa kostituzzjonalment xieraq: dawn huma elementi essenzjali li l-Parlament ma għandux jiġi eskluż mir-rieżami tagħhom. Din hija karatteristika standard tal-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE dwar is-sikurezza.

Emenda 1019
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 114

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(114) L-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tekniċi u l-opinjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-punt uniku tal-kuntatti jew l-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konverġenza superviżorja u tinħoloq kultura li tosserva s-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet skont id-Direttiva 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1020
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 114

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(114) L-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu kif xieraq il-valutazzjonijiet tekniċi u l-opinjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-punt uniku tal-kuntatti jew l-iskwadri tar-rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konverġenza superviżorja u tinħoloq kultura li tosserva s-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet skont id-Direttiva 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1021
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 115

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(115) Għal eżerċizzju effettiv tal-kompiti mogħtija minn dan ir-Regolament hu essenzjali li l-Aġenzija jkollha strutturi ta' governanza adattati. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Konformità u jingħata l-kompitu li jwettaq il-valutazzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa ħalli l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi fuq l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u fuq ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-operaturi tal-pajjiżi terzi li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni.	(115) Għal eżerċizzju effettiv tal-kompiti mogħtija minn dan ir-Regolament hu essenzjali li l-Aġenzija jkollha strutturi ta' governanza adattati. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Konformità***, magħmul minn persunal speċjalizzat b'esperjenza serja fil-qasam,*** u jingħata l-kompitu li jwettaq il-valutazzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa ħalli l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi fuq l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u fuq ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-operaturi tal-pajjiżi terzi li jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm persunal bi kwalifiki għoljin huwa essenzjali f'qasam tant kumpless u mifrux bħalma huwa l-ispazju, b'mod speċjali matul il-fażi tal-evalwazzjoni u l-ittestjar.

Emenda 1022
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 116

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(116) Biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb u indipendenti tal-Aġenzija, il-Membri tal-Bord tal-Konformità jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn ma jfittxux, ma jobdux jew ma jiħdux struzzjonijiet mingħand gvern ta' Stat Membru, mingħand istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji	***imħassar***

tal-Unjoni jew mingħand xi entità pubblika jew privata. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-Regoli ta' Proċedura.

Or. en

Emenda 1023
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 116

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(116) Biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb u indipendenti tal-Aġenzija, il-Membri tal-Bord tal-Konformità jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li*** dawn ma jfittxux, ma jobdux jew ma jiħdux struzzjonijiet mingħand gvern ta' Stat Membru, mingħand istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji tal-Unjoni jew mingħand xi entità pubblika jew privata. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-Regoli ta' Proċedura.	(116) Biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb u indipendenti tal-Aġenzija, il-Membri tal-Bord tal-Konformità jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni. Dawn ***jeħtiġilhom li*** ma jfittxux, ma jobdux jew ma jiħdux struzzjonijiet mingħand gvern ta' Stat Membru, mingħand istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji tal-Unjoni jew mingħand xi entità pubblika jew privata. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess ***u kwalunkwe sanzjoni għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli*** fir-Regoli ta' Proċedura.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-indipendenza tal-esperti involuti f'fażijiet jew fi stadji differenti qabel l-illanċjar ta' oġġetti spazjali hija essenzjali għal funzjonament xieraq.

Emenda 1024
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Premessa 117

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(117) Meta tinqala' l-ħtieġa li jiġu diskussi materji relatati ma' kompiti jew aspetti ta' interess għall-Aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, jew relatati direttament ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali rigward assi tal-infrastruttura spazjali ta' tali pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, jew meta l-Bord tal-Konformità jkun jeħtieġ kjarifiki jew informazzjoni mingħand awtorità superviżorja rilevanti ta' pajjiż terz dwar aspetti meta l-Bord tal-Konformità jrid jaċċerta l-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi ma' dan ir-Regolament, il-parteċipazzjoni bħala osservaturi jenħtieġ li tkun possibbli, soġġetta għal arranġamenti oħra li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' tali pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1025
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 118

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(118) Biex iħaddem il-kompetenzi speċifiċi, il-ħiliet tekniċi u l-għarfien espert tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, il-Bord tal-Konformità jenħtieġ li juża l-kapaċitajiet superviżorji u tekniċi nazzjonali billi jwaqqaf sottokumitati apposta dwar	***imħassar***

materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali, u jgħaqqad timijiet konġunti multidixxiplinari ddedikati biex iwettqu l-verifiki tekniċi.

Or. en

Emenda 1026
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 118

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(118) Biex iħaddem il-kompetenzi speċifiċi, il-ħiliet tekniċi u l-għarfien espert tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, il-Bord tal-Konformità jenħtieġ li juża l-kapaċitajiet superviżorji u tekniċi nazzjonali billi jwaqqaf sottokumitati apposta dwar materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza ***u tas-sostenibbiltà ambjentali***, u jgħaqqad timijiet konġunti multidixxiplinari ddedikati biex iwettqu l-verifiki tekniċi.	(118) Biex iħaddem il-kompetenzi speċifiċi, il-ħiliet tekniċi u l-għarfien espert tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-korpi tekniċi kwalifikati għall-attivitajiet fl-ispazju, il-Bord tal-Konformità jenħtieġ li juża l-kapaċitajiet superviżorji u tekniċi nazzjonali billi jwaqqaf sottokumitati apposta dwar materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza, u jgħaqqad timijiet konġunti multidixxiplinari ddedikati biex iwettqu l-verifiki tekniċi.

Or. en

Emenda 1027
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 118a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(118a) Billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka jikkostitwixxu s-sinsla tal-innovazzjoni fl-ekosistema spazjali tal-Unjoni, u jixprunaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji u applikazzjonijiet downstream, l-

introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda ta' konformità regolatorja, anke meta jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq usa' tal-UE, hija sfida li hija aktar diffiċli biex tiġi indirizzata milli għall-kuntratturi ewlenin industrijali akbar. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u titrawwem il-kompetittività tal-bażi industrijali tal-ispazju tal-Unjoni, jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' appoġġ iddedikati, li jistgħu jieħdu l-forma ta' struttura amministrattiva fl-Aġenzija. Din l-istruttura jenħtieġ li tipprovdi assistenza speċifika u proċedurali u gwida regolatorja għall-entitajiet kwalifikati, u b'hekk tnaqqas iż-żmien għas-suq għall-assi spazjali u tiżgura konformità sħiħa mal-għanijiet tal-Unjoni għar-reżiljenza u s-sostenibbiltà mingħajr ma tiddevja r-riżorsi kritiċi mill-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Il-mira ta' tali appoġġ jenħtieġ li tkun l-intrapriżi mikro u żgħar skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/EC, u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka stabbiliti fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 1028
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(119) Għall-finijiet ta' detezzjoni tal-ksur ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jeħtieġ ikollhom setgħat, għodod u riżorsi effettivi biex jiggarantixxu effettività superviżorja sħiħa. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li	***imħassar***

jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikseb setgħat superviżorji u teżiġi li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni stabbiliti f'pajjiżi terzi jtemmu l-ksur u jimponu multi u pagamenti tal-penali.

Or. en

Emenda 1029
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(119) Għall-finijiet ta' detezzjoni tal-ksur ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jeħtieġ ikollhom setgħat, għodod u riżorsi effettivi biex jiggarantixxu effettività superviżorja sħiħa. Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikseb setgħat superviżorji u teżiġi li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni stabbiliti f'pajjiżi terzi jtemmu l-ksur u jimponu multi u pagamenti tal-penali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1030
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 119

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(119) Għall-finijiet ta' detezzjoni tal-ksur ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u l-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni ***u*** l-Aġenzija jeħtieġ ikollhom setgħat, għodod u ***riżorsi effettivi*** biex jiggarantixxu effettività superviżorja sħiħa. Għalhekk, il-Kummissjoni ***u*** l-Aġenzija jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikseb setgħat superviżorji u teżiġi li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-forniturі tas-servizzi spazjali tal-Unjoni stabbiliti f'pajjiżi terzi jtemmu l-ksur u jimponu multi u pagamenti tal-penali.	(119) Għall-finijiet ta' detezzjoni tal-ksur ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-assi tal-Unjoni u l-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni***,*** l-Aġenzija ***u l-Istati Membri*** jeħtieġ ikollhom setgħat, għodod u ***mezzi umani u finanzjarji biżżejjed*** biex jiggarantixxu effettività superviżorja sħiħa. Għalhekk, il-Kummissjoni***,*** l-Aġenzija ***u l-Istati Membri*** jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni u jwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikseb setgħat superviżorji u teżiġi li l-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-forniturі tas-servizzi spazjali tal-Unjoni stabbiliti f'pajjiżi terzi jtemmu l-ksur u jimponu multi u pagamenti tal-penali.

Or. fr

Emenda 1031
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 120

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(120) Fir-rigward tas-setgħat ta' investigazzjoni u spezzjoni, l-aċċess għall-bini tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u tal-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi jaf ikun meħtieġ meta l-forniturі tas-servizzi spazjali li ntalbu informazzjoni jonqsu milli jikkonformaw mat-talba, jew meta jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu d-dokumenti li magħhom għandha x'taqsam it-talba għall-informazzjoni. Dan l-aċċess jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ftehim tal-entità tal-pajjiż terz u l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1032
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 120

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(120) Fir-rigward tas-setgħat ta' investigazzjoni u spezzjoni, l-aċċess għall-bini tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u tal-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi jaf ikun meħtieġ meta l-forniturи tas-servizzi spazjali li ntalbu informazzjoni jonqsu milli jikkonformaw mat-talba, jew meta jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu d-dokumenti li magħhom għandha x'taqsam it-talba għall-informazzjoni. ***Dan l-aċċess jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-ftehim tal-entità tal-pajjiż terz u l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz.***	(120) Fir-rigward tas-setgħat ta' investigazzjoni u spezzjoni, l-aċċess għall-bini tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u tal-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi jaf ikun meħtieġ meta l-forniturи tas-servizzi spazjali li ntalbu informazzjoni jonqsu milli jikkonformaw mat-talba, jew meta jitneħħew, jitbagħbsu jew jinqerdu d-dokumenti li magħhom għandha x'taqsam it-talba għall-informazzjoni.

Or. fr

Emenda 1033
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 121

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(121) Ir-rispett tad-drittijiet ta' difiża ***tal-forniturи tas-servizzi*** spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jkun żgurat tul il-proċess kollu tar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità kontinwa mill-Aġenzija, b'mod partikolari billi jingħata d-dritt li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet motivati għall-finijiet tal-valutazzjonijiet preliminari relatati mar-reġistrazzjoni, u d-	(121) Ir-rispett tad-drittijiet ta' difiża ***tal-operaturi*** spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jkun żgurat tul il-proċess kollu tar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità kontinwa mill-Aġenzija, b'mod partikolari billi jingħata d-dritt li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet motivati għall-finijiet tal-valutazzjonijiet preliminari relatati mar-reġistrazzjoni, u d-dritt ta'

dritt ta' appell tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija quddiem il-Bord tal-Appell tagħha li għadu kif ġie stabbilit.	appell tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija quddiem il-Bord tal-Appell tagħha li għadu kif ġie stabbilit. *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 1034
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 122

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(122) Is-setgħat kollha tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u b'osservanza tal-prinċipji rikonoxxuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, id-dritt ta' libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal protezzjoni tal-konsumatur, id-dritt għal rimedju effettiv, id-dritt ta' difiża***. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.	(122) Is-setgħat kollha tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u b'osservanza tal-prinċipji rikonoxxuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

Or. en

Emenda 1035
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 123

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(123) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst sett ta' regoli proċedurali ***għall-eżekuzzjoni tas-setgħat investigattivi***. Meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jsibu indikazzjoni serja li jeżistu fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament, dawn jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' difiża tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jew tal-fornitur tas-servizzi spazjali ta' pajjiż terz. ***Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri interim, meta jkun hemm bżonn azzjoni urġenti biex jiġi evitat dannu imminenti u sinifikanti, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jistgħu jistabbilixxu skadenzi iqsar għall-operatur spazjali kkonċernat biex jikkummenta u joffru l-opportunità li jikkummenta biss bil-miktub.***	(123) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst sett ta' regoli proċedurali. Meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jsibu indikazzjoni serja li jeżistu fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament, dawn jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' difiża tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jew tal-fornitur tas-servizzi spazjali ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 1036
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 123

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(123) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst sett ta' regoli proċedurali għall-eżekuzzjoni tas-setgħat investigattivi. Meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jsibu indikazzjoni serja li jeżistu fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament, dawn jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' difiża tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jew tal-fornitur tas-servizzi spazjali ta' pajjiż terz. Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri interim, meta jkun hemm bżonn azzjoni urġenti biex jiġi evitat dannu imminenti u sinifikanti, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jistgħu jistabbilixxu	(123) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst sett ta' regoli proċedurali għall-eżekuzzjoni tas-setgħat investigattivi. Meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jsibu indikazzjoni serja li jeżistu fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur wieħed jew aktar ta' dan ir-Regolament, dawn jenħtieġ li jwettqu investigazzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' difiża tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat jew tal-fornitur tas-servizzi spazjali ta' pajjiż terz***, filwaqt li jistiednu diversi esperti b'ċerta anzjanità u esperjenza fil-qasam***. Fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri interim, meta jkun hemm bżonn azzjoni urġenti biex jiġi evitat

skadenzi iqsar għall-operatur spazjali kkonċernat biex jikkummenta u joffru l-opportunità li jikkummenta biss bil-miktub.	dannu imminenti u sinifikanti, l-Aġenzija u l-Kummissjoni jistgħu jistabbilixxu skadenzi iqsar għall-operatur spazjali kkonċernat biex jikkummenta u joffru l-opportunità li jikkummenta biss bil-miktub.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm persunal bi kwalifiki għoljin huwa essenzjali f'qasam tant kumpless u mifrux bħalma huwa l-ispazju, u jrid jiġi reklutat persunal b'esperjenza u dan irid jingħata taħriġ kontinwu.

Emenda 1037
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 124

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(124) Biex jitħarsu b'mod effettiv id-drittijiet ta' difiża fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha tal-Aġenzija, għal raġunijiet ta' ekonomija proċedurali u biex jitnaqqas il-piż fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija jenħtieġ li tipprovdi l-possibbiltà lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jappellaw id-deċiżjonijiet meħuda bis-setgħat mogħtija lill-Aġenzija b'dan ir-Regolament u indirizzati lilhom, jew li jkollhom interess dirett u individwali għalihom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1038
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 125

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(125) Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Appell biex jiżgura li l-partijiet affettwati mid-deċiżjonijiet adottati mill-Aġenzija jkollhom mezz kif jistgħu jiksbu r-rimedji meħtieġa. Il-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkun indipendenti minn kull struttura regolatorja u amministrattiva tal-Aġenzija u jenħtieġ li ma jkun marbut bl-ebda struzzjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkunu soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	(125) Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord tal-Appell ***li jkun magħmul minn persuni b'esperjenza konsiderevoli fil-qasam*** biex jiżgura li l-partijiet affettwati mid-deċiżjonijiet adottati mill-Aġenzija jkollhom mezz kif jistgħu jiksbu r-rimedji meħtieġa. Il-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkun indipendenti minn kull struttura regolatorja u amministrattiva tal-Aġenzija u jenħtieġ li ma jkun marbut bl-ebda struzzjoni. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell jenħtieġ li jkunu soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm persunal bi kwalifiki għoljin huwa essenzjali f'qasam tant kumpless u mifrux bħalma huwa l-ispazju, u jrid jiġi reklutat persunal b'esperjenza u dan irid jingħata taħriġ kontinwu.

Emenda 1039
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Premessa 126

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq ***il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, abbażi tal-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, u jistrieħ ukoll fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Peress li dan ir-Regolament hu l-ewwel approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem***	(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq ***rekwiżiti tal-ispazju rikonoxxuti b'mod ġenerali żviluppati taħt il-Kooperazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni Spazjali (ECSS), il-Koordinazzjoni tal-Komponenti Spazjali Ewropej (ESCC) u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sistemi tad-Data Spazjali (CCSDS)***.

approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku mill-Aġenzija, kif ukoll għas-smewwiet mudlama u kwieti, jenħtieġ li jiġu żviluppati bil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards b'rabta ma' rekwiżit essenzjali bħal dan. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni.

---

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)

Or. en

Emenda 1040
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 126

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, ***abbażi tal-prinċipji*** tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, ***u jistrieħ ukoll fuq*** ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. ***Peress li dan ir-Regolament hu l-ewwel approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku mill-Aġenzija, kif ukoll għas-smewwiet mudlama u kwieti, jenħtieġ li jiġu*** żviluppati ***bil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet*** Ewropej ***tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards b'rabta ma' rekwiżit essenzjali bħal dan. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni***.	(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, ***li jinkludi l-prinċipji*** tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] ***u, fil-qasam tal-ispazju, fuq*** rekwiżiti ***spazjali rikonoxxuti b'mod ġenerali żviluppati skont il-korpi tal-Kooperazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni Spazjali (ECSS), il-Koordinazzjoni tal-Komponenti Spazjali*** Ewropej ***(ESCC) u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sistemi tad-Data Spazjali (CCSDS)***.
[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)	[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)

Emenda 1041
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 126

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, abbażi tal-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, u jistrieħ ukoll fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Peress li dan ir-Regolament hu l-ewwel approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. ***Ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa għall-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku mill-Aġenzija, kif ukoll għas-smewwiet mudlama u kwieti, jenħtieġ li jiġu żviluppati bil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards b'rabta ma' rekwiżit essenzjali bħal dan.*** Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni.	(126) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, abbażi tal-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi, u jistrieħ ukoll fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Peress li dan ir-Regolament hu l-ewwel approċċ regolatorju fil-livell tal-Unjoni fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni ***Ewropej u internazzjonali***.
[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni	[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni

Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)

Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)

Or. en

Emenda 1042
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 126

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(126) ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistrieħ fuq il-qafas Ewropew attwali tal-istandardizzazzjoni, abbażi tal-prinċipji tal-Approċċ il-Ġdid, stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 dwar l-approċċ għall-armonizzazzjoni u*** l-istandards ***tekniċi, u jistrieħ ukoll fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Peress li*** dan ir-Regolament ***hu l-ewwel approċċ regolatorju*** fil-livell tal-Unjoni ***fil-qasam, jenħtieġ li jitħaddem approċċ bilanċjat u gradwali anki fir-rigward tal-istandardizzazzjoni.*** Ir-rekwiżiti ***tekniċi meħtieġa għall-introduzzjoni taċ-ċertifikat elettroniku mill-Aġenzija, kif ukoll għas-smewwiet mudlama u kwieti, jenħtieġ li jiġu żviluppati bil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għaldaqstant,*** il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards ***b'rabta ma' rekwiżit essenzjali bħal dan. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta'***	(126) ***Is-sikurezza tal-illanċjar u l-mitigazzjoni tar-residwi spazjali huma oqsma tekniċi li fihom l-istandards rikonoxxuti internazzjonalment jipprovdu qafas tekniku stabbilit, inklużi l-istandards tal-ECSS adottati bħala standards Ewropej mis-CEN/CENELEC fil-Kumitat Tekniku Konġunt JTC5, u*** l-istandards ***ISO rilevanti***. Dan ir-Regolament ***jistabbilixxi rekwiżiti essenzjali fl-Annessi tiegħu, ibbażati fuq l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali kif rikonoxxut*** fil-livell tal-Unjoni***. Dawk*** ir-rekwiżiti ***jistgħu jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex jirriflettu l-progress tekniku. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità,*** il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex ***jadottaw jew*** jiżviluppaw standards ***armonizzati li jappoġġaw l-Artikoli 58 sa 73 u l-Annessi rilevanti, inkluż billi jħaffu l-pubblikazzjoni tal-istandards Ewropej eżistenti diġà adottati minn dawk l-organizzazzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali***

implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'ċirkostanzi limitati filwaqt li jitqiesu r-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni.	***tal-Unjoni Ewropea***.

[15] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istandards tal-ECSS u s-serje tar-residwi spazjali tal-ESSB diġà jipprovdu oqfsa tekniċi rikonoxxuti internazzjonalment għas-sikurezza tal-illanċjar u għall-mitigazzjoni tar-residwi. Ir-rikonoxximent espliċitu tagħhom bħala r-referenza teknika għat-talbiet ta' standardizzazzjoni Ewropej jevita l-ħolqien ta' standard Ewropew parallel li jidduplika l-ħidma eżistenti u jżid il-kumplessità regolatorja għall-operaturi li diġà qed ifasslu skont l-ECSS. L-Ewropa għandha tibni fuq it-tmexxija teknika eżistenti tagħha, mhux tikkompeti magħha.

Emenda 1043
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 126a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(126 a) Il-konformità mal-istandards armonizzati li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali jenħtieġ

li tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti. B'mod parallel, l-operaturi jistgħu fi kwalunkwe ħin juru konformità permezz ta' każ ta' sikurezza alternattiv. Dan il-qafas b'żewġ mezzi jirrifletti approċċi regolatorji bbażati fuq il-prestazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment għat-tnedija tas-sikurezza, li skonthom l-operaturi huma liberi li juru livell ekwivalenti ta' sikurezza permezz ta' analiżijiet tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni dokumentati, mingħajr ma jkunu marbuta ma' metodu tekniku speċifiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-arkitettura tal-konformità b'żewġ rotot — standards armonizzati li jagħtu preżunzjoni ta' konformità (Rotta A) u l-każ ta' sikurezza alternattiva li juri sikurezza ekwivalenti (Rotta B) — hija l-mudell operazzjonali li jirfed l-Artikolu 70b. Ir-Rotta A tnaqqas il-kostijiet tal-konformità għall-operaturi li jfasslu skont standards Ewropej ippubblikati. Ir-Rotta B tippreżerva l-flessibbiltà għal sistemi innovattivi li t-teknoloġija tagħhom kienet teżisti qabel jew ma taqbilx mal-istandards eżistenti. Iż-żewġ rotot iwasslu għall-istess eżitu regolatorju.

Emenda 1044
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 127

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1045
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 127

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1046
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 127

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1047
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 127

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.	(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni ***żviluppat minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE u l-akkademja, kif ukoll esperti mill-industrija li timmanifattura materjal għal attivitajiet fl-ispazju***.

Or. ro

Emenda 1048
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 127

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni.	(127) Biex jinħoloq approċċ komuni għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li jkunu lesti jmorru lil hinn mil-linja bażi awtorizzata b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni. ***Il-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jibqa' strettament volontarju u ma għandux isir kundizzjoni de facto għall-aċċess għas-suq jew għall-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku.***

Or. en

Emenda 1049
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 128

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(128) L-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bl-involviment tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1050
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 128

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(128) L-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bl-involviment tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali	***imħassar***

tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi.

Or. en

Emenda 1051
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 128

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(128) L-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bl-involviment tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1052
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 128

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(128) L-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bl-involviment tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi.	(128) L-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jxejnu d-differenzi attwali li jirriżultaw mill-koeżistenza ta' standards differenti jew prattiki mhux żviluppati, u b'hekk jgħinu biex jissawwar approċċ komuni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata Skema tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni bl-involviment tal-Istati Membri, tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni (EUSLG) u tal-Grupp tat-Tikketta Spazjali tal-Partijiet Ikkonċernati (SSLG), immexxija mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Aġenzija. L-EUSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti fis-settur spazjali u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra, filwaqt li l-SSLG jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-akkademiċi. ***Meta jiġu żviluppati Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-impatt amministrattiv u finanzjarju fuq l-operaturi, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, u jenħtieġ li jiġi evitat trikkib bla bżonn mal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni eżistenti."***

Or. en

Emenda 1053
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 129

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(129) Wara talba bħal din, l-Aġenzija jenħtieġ li mingħajr dewmien żejjed tħejji skemi kandidati għall-ambitu u s-suġġett speċifikati. L-Aġenzija, permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, jenħtieġ li tevalwa kwalunkwe impatt probabbli tat-talba tal-Kummissjoni fuq is-suq, speċjalment kwalunkwe impatt potenzjali fuq l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, fuq l-innovazzjoni, l-ostakli għad-dħul fis-suq, jew il-kostijiet involuti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1054
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 129

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(129) Wara talba bħal din, l-Aġenzija jenħtieġ li mingħajr dewmien żejjed tħejji skemi kandidati għall-ambitu u s-suġġett speċifikati. L-Aġenzija, permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, jenħtieġ li tevalwa kwalunkwe impatt probabbli tat-talba tal-Kummissjoni fuq is-suq, speċjalment kwalunkwe impatt potenzjali fuq l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, fuq l-innovazzjoni, l-ostakli għad-dħul fis-suq, jew il-kostijiet involuti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1055
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 130

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(130) Jenħtieġ li jintgħażel grupp ta' esperti biex jiġu evalwati r-rekwiżiti tekniċi għal kull Skema tat-Tikkettar individwali. Il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-akkademja u mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet dežinjat minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn l-esperti, il-kontenut tal-Iskema tat-Tikkettar, u l-applikanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1056
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 130

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(130) Jenħtieġ li jintgħażel grupp ta' esperti biex jiġu evalwati r-rekwiżiti tekniċi għal kull Skema tat-Tikkettar individwali. Il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-akkademja u mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet dežinjat minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn l-esperti, il-kontenut tal-Iskema tat-Tikkettar, u l-applikanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1057
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 130

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(130) Jenħtieġ li jintgħażel grupp ta' esperti biex jiġu evalwati r-rekwiżiti tekniċi għal kull Skema tat-Tikkettar individwali. Il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-akkademja u mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet dežinjat minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn l-esperti, il-kontenut tal-Iskema tat-Tikkettar, u l-applikanti.	(130) Jenħtieġ li jintgħażel grupp ta' esperti biex jiġu evalwati r-rekwiżiti tekniċi għal kull Skema tat-Tikkettar individwali. Il-grupp ta' esperti jenħtieġ li jkun kompost minn rappreżentanti tal-akkademja u mill-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet dežinjat minn dan ir-Regolament, filwaqt li jiżgura li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess bejn l-esperti, il-kontenut tal-Iskema tat-Tikkettar, u l-applikanti. ***Permezz ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni jeħtiġilha tistabbilixxi sett ta' kriterji tal-għażla ċari u proċeduri trasparenti għall-ħatra ta' esperti, inklużi rekwiżiti fir-rigward tal-kompetenza teknika, l-esperjenza rilevanti u l-indipendenza professjonali. Barra minn hekk, iridu jiġu previsti obbligi biex jiġu ddikjarati u ġestiti l-interessi, u mekkaniżmi għar-rotazzjoni u t-tneħħija tal-esperti, sabiex jinżammu l-imparzjalità u l-kredibbiltà tal-proċess ta' evalwazzjoni.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm persunal bi kwalifiki għoljin huwa essenzjali matul il-proċess kollu u fl-istadji kollha f'qasam tant kumpless u mifrux bħalma huwa l-ispazju, u jrid jiġi reklutat persunal b'esperjenza u dan irid jingħata taħriġ kontinwu.

Emenda 1058
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 130a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(130a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri u finanzjament speċifiċi biex jiġu appoġġati operaturi spazjali li huma intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1059
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 131

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ u ta' akkumpanjament tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament.	(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ u ta' akkumpanjament tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament ***permezz ta' finanzjament iddedikat fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1060
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 131

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ u ta' akkumpanjament tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament.	(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ u ta' akkumpanjament tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament ***iddedikat permezz ta' allokazzjoni baġitarja xierqa***.

Or. en

Emenda 1061
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 131

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ ***u ta' akkumpanjament*** tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament.	(131) Biex tiġi ffaċilitata u akkumpanjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sett ta' miżuri ta' appoġġ tul u sa tmiem l-implimentazzjoni tiegħu. Dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fl-għoti ta' gwida u assistenza lill-operaturi spazjali biex iħejju d-dossiers tekniċi għall-awtorizzazzjoni jew għar-reġistrazzjoni dwar il-materji koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll ta' sett ta' miżuri għall-bini tal-kapaċità u għall-finanzjament.

Or. en

Emenda 1062
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 131a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(131 a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri u finanzjament speċifiċi biex jiġu appoġġati operaturi spazjali li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1063
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 132

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(132) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa l-kriterji u l-metodoloġija biex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fl-evalwazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà, u b'hekk tiffaċilita l-komparabbiltà tar-rieżamijiet superviżorji, u tispeċifika x'jikkostitwixxi tfixkil operazzjonali serju tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa, jew tas-servizzi pprovduti minn operatur spazjali. L-użu tal-prodotti kriptografiċi jenħtieġ li jiġi speċifikat f'aktar dettall mill-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati li jridu jiġu żviluppati għall-prodotti kriptografiċi li jridu jiġu ċċertifikati bl-iskemi futuri taċ-	***imħassar***

ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, abbażi tar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ħalli tiġi garantita l-protezzjoni tat-telemetrija u tat-telekmandi.

---

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

miżuri tal-evitar tal-kolliżjonijiet waqt l-illanċjar, ir-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali tal-lanċjaturi, it-traċċabbiltà tal-inġenji spazjali, ir-regoli tat-traffiku orbitali, il-pożizzjonament tal-inġenji spazjali ġol-orbita, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali tal-inġenji spazjali, il-kostellazzjonijiet tal-inġenji spazjali, biex tispeċifika l-kontenut u l-mudelli għar-rappurtar tal-inċidenti sinifikanti, biex tispeċifika l-metodu tal-kalkolu u l-verifika tal-EF tal-attivitajiet fl-ispazju u l-mudelli u l-kontenut għar-rapportar fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-Impronta Ambjentali, biex tispeċifika l-prinċipji tad-disinn għall-Interfaċċi tas-Servizz tal-Inġenju Spazjali (SSIs) u l-Moduli Funzjonali tas-Satellita Kompożabbli u Skambjabbli għall-ISOS, biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkopru r-rekwiżiti tekniċi għaċ-ċertifikat elettroniku u għas-smewwiet mudlama u kwieti, biex tistabbilixxi mudelli għall-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni, u biex tadotta Skemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ġodda jew emendati. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] .

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Or. fr

Emenda 1081
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 136

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati fl-URSO.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1082
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 136

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati fl-URSO.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1083
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 136

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati fl-URSO.	(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati fl-URSO***, u jenħtieġ li dawn l-atti jiġu adottati b'mod urġenti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet Ewropej hija essenzjali biex il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dan is-settur tiġi approvata fil-ħin.

Emenda 1084
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 136

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati ***fl-URSO***.	(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati ***fl-URSA***.

Or. en

Emenda 1085
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 136

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati ***fl-URSO***.	(136) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih għal meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati ma' kriżijiet jew emerġenzi fis-suq uniku, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza biex għal perjodu temporanju jintużaw data jew servizzi bbażati fl-ispazju mhux irreġistrati ***fl-URSA***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament konsegwenzjali.

Emenda 1086
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Premessa 136a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(136a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jżomm kooperazzjoni kontinwa b'saħħitha mas-sħab Ewropej bħala pedament tal-politika spazjali. Fl-istess ħin, f'qasam dejjem aktar kompetittiv u strateġiku, jenħtieġ li l-Unjoni trawwem b'mod progressiv u għaqli preferenza Ewropea f'segmenti ewlenin tal-ekosistema spazjali. L-allinjament ta' dan l-approċċ mal-objettivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jgħin biex tissaħħaħ il-bażi industrijali Ewropea, tiġi appoġġata l-innovazzjoni, u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur spazjali tal-Ewropa.

Or. en

Emenda 1087
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 137

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(137) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1088
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 137

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(137) ***Peress li*** l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-	(137) ***Sabiex jintlaħqu*** l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-

infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni***, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
	Or. en

Emenda 1089
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 137

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(137) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(137) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza ***u r-reżiljenza*** tal-attivitajiet fl-ispazju ***u l-użu sikur u effiċjenti tal-ambjent orbitali***, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 1090
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 137

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(137) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza ***u s-sostenibbiltà ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(137) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi stabbilit suq uniku għas-settur spazjali, b'regoli komuni armonizzati li jkunu maħsubin biex jindirizzaw riskji ewlenin għall-infrastruttura spazjali u għas-servizzi spazjali u b'hekk jiżguraw is-sikurezza, ir-reżiljenza tal-attivitajiet fl-ispazju, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 1091
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 137a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(137a) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tippreżerva u ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-

	operaturi spazjali tal-Unjoni. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu proporzjonati, teknikament fattibbli, u ekonomikament vijabbli, b'rieżamijiet regolari tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, sabiex ma jiġux imposti pożijiet bla bżonn li jpoġġu lill-operaturi tal-Unjoni fi żvantaġġ fis-suq globali jew iħeġġu r-rilokazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju barra mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1092
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 138

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1093
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 138

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew	***imħassar***

istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1094
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 138

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1095
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 138

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew	***imħassar***

istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1096
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 138

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(138) Il-konformità mar-regoli dwar is-sostenibbiltà ambjentali mill-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa wara 48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament filwaqt li r-rekwiżiti relatati mad-dispożizzjoni tal-ISOS jenħtieġ li jkunu japplikaw wara 60 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1097
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 139

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(139) Barra minn hekk, dan ir-Regolament jikkunsidra kif xieraq it-tul tat-	(139) Barra minn hekk, dan ir-Regolament jikkunsidra kif xieraq it-tul tat-

tħejjija għal missjoni spazjali u r-restrizzjonijiet tekniċi u kumplessi tat-tappi differenti tul il-fażijiet tal-inġinerija u tal-manifattura tal-inġenju spazjali. Jidher li hemm bżonn perjodu tranżizzjonali biex jiġu akkomodati dawk ir-restrizzjonijiet relatati mal-aġġustamenti tekniċi meħtieġa fil-fażijiet preparatorji ta' missjoni spazjali***, fil-kuntest tal-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn***.	tħejjija għal missjoni spazjali u r-restrizzjonijiet tekniċi u kumplessi tat-tappi differenti tul il-fażijiet tal-inġinerija u tal-manifattura tal-inġenju spazjali. Jidher li hemm bżonn perjodu tranżizzjonali biex jiġu akkomodati dawk ir-restrizzjonijiet relatati mal-aġġustamenti tekniċi meħtieġa fil-fażijiet preparatorji ta' missjoni spazjali. ***Ir-Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema jikkostitwixxi l-aktar stadju importanti formali bikri fiċ-ċiklu tal-iżvilupp ta' assi spazjali li fih ir-rekwiżiti funzjonali u tal-prestazzjoni kollha fil-livell tas-sistema jkunu ġew rieżaminati u allinjati, b'mod indipendenti mill-maturità tad-disinn dettaljat. L-użu tat-tlestija tar-Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema bħala l-punt ta' referenza għad-dispożizzjoni tranżizzjonali — u l-ħtieġa li dak ir-rieżami jkun tlesta fi żmien 36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament — jiżgura li l-qafas il-ġdid japplika għal programmi li jinsabu fi stadju bikri biżżejjed biex tinkiseb il-konformità mingħajr tfassil mill-ġdid fundamentali, filwaqt li jiġu protetti l-operaturi li diġà kkonkludew il-fażi tal-inġinerija tas-sistemi tagħhom. Madankollu, l-assi spazjali li jibbenefikaw mill-perjodu tranżizzjonali jenħtieġ li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament minn 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, irrispettivament mid-data tal-illanċjar tagħhom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kjarifika li l-perjodu tranżizzjonali jirreferi għall-istadju importanti tal-SRR aktar milli għal data kalendarja fissa tiżgura li r-reġim tranżizzjonali jiffunzjona kif maħsub irrispettivament mid-dewmien fid-dħul fis-seħħ tar-Regolament. L-operaturi jiġu ttrattati b'mod konsistenti abbażi tal-maturità tad-disinn aktar milli abbażi tal-aċċident tal-kalendarju leġiżlattiv.

Emenda 1098

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 139

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(139) ***Barra minn hekk,*** dan ir-Regolament jikkunsidra kif xieraq it-tul tat-tħejjija għal missjoni spazjali u r-restrizzjonijiet tekniċi u kumplessi tat-tappi differenti tul il-fażijiet tal-inġinerija u tal-manifattura tal-inġenju spazjali. Jidher li hemm bżonn perjodu tranżizzjonali biex jiġu akkomodati dawk ir-restrizzjonijiet relatati mal-aġġustamenti tekniċi meħtieġa fil-fażijiet preparatorji ta' missjoni spazjali, fil-kuntest tal-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn.	(139) Dan ir-Regolament jikkunsidra kif xieraq it-tul tat-tħejjija għal missjoni spazjali u r-restrizzjonijiet tekniċi u kumplessi tat-tappi differenti tul il-fażijiet tal-inġinerija u tal-manifattura tal-inġenju spazjali. Jidher li hemm bżonn perjodu tranżizzjonali biex jiġu akkomodati dawk ir-restrizzjonijiet relatati mal-aġġustamenti tekniċi meħtieġa fil-fażijiet preparatorji ta' missjoni spazjali, fil-kuntest tal-fażi tar-rieżami kritiku tad-disinn.

Or. en

Emenda 1099
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 140

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,	***imħassar***

Or. en

Emenda 1100
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 140

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara ***24*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,	(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti ***l-ġodda*** stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara ***36*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,

Or. en

Emenda 1101
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 140

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara ***24*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,	(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wara ***48*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,

Or. en

Emenda 1102
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 140

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li	(140) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li

japplika wara ***24*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,	japplika wara ***36*** xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu,

Or. en

Emenda 1103
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern ***tad-data bbażata fuq l-ispazju u*** tas-servizzi spazjali.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ***biss*** għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern ***tal-attivitajiet u*** tas-servizzi spazjali. ***Dawn ir-regoli għandhom ikunu limitati għal każijiet sostanzjati ta' ostakli għas-suq intern, u għandhom jevitaw l-armonizzazzjoni ġenerali tal-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni u sorveljanza.***

Or. en

Emenda 1104
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali***, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri jew għal-libertà tagħhom li jimmaniġġjaw ir-riskji relatati bħala Stat responsabbli skont id-dritt internazzjonali***.

Or. en

Emenda 1105
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern ***tal-forniment primarju*** tad-data bbażata fl-ispazju u tas-servizzi spazjali.

Or. en

Emenda 1106
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jippromwovi l-kompetittività internazzjonali tal-industrija spazjali tal-Unjoni billi jiżgura rekwiżiti proporzjonati u teknoloġiċi.

Or. en

Emenda 1107
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali fis-servizzi spazjali ***permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data*** bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali fis-servizzi spazjali ***u fid-data*** bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Emenda 1108
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***proporzjonata*** fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Emenda 1109
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***fis-servizzi spazjali*** permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali ***li tiġġenera data bbażata fl-ispazju***, dan ir-	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali ***għall-fini tal-forniment ta' servizzi u data fl-Unjoni***,

Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiċċara li r-Regolament għandu l-għan li jirregola l-infrastruttura spazjali sa fejn din tintuża biex tipprovdi servizzi u data fl-Unjoni. Dan jirrifletti aħjar il-loġika orjentata lejn is-suq tat-test, itejjeb iċ-ċarezza legali.

Emenda 1110
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***fis-servizzi*** spazjali ***permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data*** bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***fl-attivitajiet*** spazjali***, meta jiġu pprovduti servizzi spazjali u primarjament tiġi pprovduta data*** bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Emenda 1111
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***fis-servizzi spazjali*** permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali ***li tiġġenera data bbażata fl-ispazju***, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali ***meta jiġu pprovduti servizzi u data fl-Unjoni***, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati

dwar:	dwar:

Or. en

Emenda 1112
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza***,*** reżiljenza ***u sostenibbiltà ambjentali*** fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza ***u*** reżiljenza fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Emenda 1113
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali fis-servizzi spazjali permezz tat-tħaddim u ***l-użu tal-infrastruttura spazjali li tiġġenera*** data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:	2. Biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ***fl-attivitajiet*** spazjali ***meta jiġu pprovduti servizzi spazjali*** permezz tat-tħaddim u data bbażata fl-ispazju, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar:

Or. en

Emenda 1114
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-infrastruttura spazjali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda ta' referenza espliċita għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-infrastruttura spazjali bħala objettiv tar-Regolament tagħlaq lakuna fit-test tal-Kummissjoni, li ffoka biss fuq is-saff tas-servizzi downstream. L-infrastruttura fiżika u s-sikurezza operazzjonali tagħha huma l-pedament regolatorju li minnu tiddependi l-kwalità tas-servizz; il-lista ta' objettivi għandha tirrifletti dan.

Emenda 1115
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni***, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi*** meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni***, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***;	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu ġie estiż f'(aa) u (ab) għal leġġibbiltà aħjar.

Emenda 1116
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni***, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi*** meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni***, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***;	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1117
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-

rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju;	rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju; ***kif ukoll l-obbligi internazzjonali tagħhom, bil-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet spazjali jkunu konformi mar-regoli tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti fit-trattati rilevanti.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Qafas regolatorju Ewropew u internazzjonali li jinkludi standards komuni u mekkaniżmi ta' konformità huwa ta' benefiċċju għall-operaturi kollha u għall-operaturi fil-qasam.

Emenda 1118
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni***, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni*** tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni ***u s-superviżjoni*** tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn ***organizzazzjonijiet internazzjonali u*** fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni***, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***;	(a) L-awtorizzazzjoni ***u r-reġistrazzjoni*** tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1119
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn ***fornituri tas-servizzi*** spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn ***organizzazzjonijiet internazzjonali u*** fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju;	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn ***operaturi*** spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1120
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju ***mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta*** jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali ***tal-attivitajiet fl-ispazju***;	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju ***maħsuba biex*** jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali***, imwettqa minn:***

(i) fornituri ta' servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni;

(ii) organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom hemm ftehim fis-seħħ;

(iii) fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 1121
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza***,*** tar-reżiljenza ***u tas-sostenibbiltà ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju;	(a) l-awtorizzazzjoni, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, u rispettivament, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fil-pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fl-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni, fir-rigward ta' materji tas-sikurezza ***u*** tar-reżiljenza tal-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1122
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti

f'pajjiżi terzi meta jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tissepara l-operaturi ta' pajjiżi terzi f'punt distint, u b'hekk tagħmel l-istruttura tar-Regolament aktar ċara u aktar faċli biex tiġi segwita. Din tissottolinja wkoll li l-aċċess għas-suq tal-Unjoni minn operaturi mhux tal-UE għandu jkun soġġett għal reġim speċifiku ta' reġistrazzjoni u superviżjoni. (Mhux awtorizzazzjoni).

Emenda 1123
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, soġġetti għal ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 107 jew 108;

Or. en

Emenda 1124
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-infrastruttura spazjali;

Or. en

Emenda 1125
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali meta jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tipprovdi kategorija legali separata għall-organizzazzjonijiet internazzjonali, minflok ma tgħaqqadhom ma' operaturi ta' pajjiżi terzi. Dan itejjeb il-leġġibbiltà tad-dispożizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

Emenda 1126
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali meta jipprovdu servizzi u data fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1127
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-operaturi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi meta jipprovdu servizzi u data fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1128
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn operaturi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 1129
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1130

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ae (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ae) ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, soġġetti għal ftehimiet internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 107 jew 108 kif applikabbli;

Or. en

Emenda 1131
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ag (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ag) miżuri għall-bini tal-kapaċità biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1132
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) regoli dwar il-ġestjoni tat-traffiku orbitali, permezz tal-forniment ta' servizzi	***imħassar***

tal-evitar tal-kolliżjonijiet;

Or. en

Emenda 1133
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 2 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***regoli dwar*** il-ġestjoni tat-traffiku ***orbitali,*** permezz tal-forniment ta' servizzi ***tal-evitar tal-kolliżjonijiet***;	(b) il-ġestjoni tat-traffiku ***fl-ispazju*** permezz tal-forniment ta' servizzi;

Or. en

Emenda 1134
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) aspetti ta' governanza u infurzar;	(c) aspetti ta' governanza***, superviżjoni*** u infurzar ***tal-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju***;

Or. en

Emenda 1135
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) aspetti ta' governanza u infurzar;	(c) aspetti ta' governanza u infurzar ***tal-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju***;

Or. en

Emenda 1136
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***aspetti*** ta' governanza u infurzar;	(c) ***setgħat*** ta' governanza u infurzar ***fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 1137
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***aspetti*** ta' governanza u infurzar;	(c) ***setgħat*** ta' governanza u infurzar;

Or. en

Emenda 1138
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) miżuri ta' bini tal-kapaċità biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1139
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni u miżuri għall-bini tal-kapaċità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1140
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni u miżuri għall-bini tal-kapaċità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1141
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni u miżuri għall-bini tal-kapaċità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1142
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni ***u miżuri għall-bini tal-kapaċità***.	(d) stabbiliment ta' Tikketta Spazjali tal-Unjoni ***volontarja***.

Or. en

Emenda 1143
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) miżuri ta' implimentazzjoni u għall-bini tal-kapaċità.

Or. en

Emenda 1144
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali li ġejjin:	1. Dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi ***u tal-attivitajiet*** spazjali li ġejjin:

Or. en

Emenda 1145
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika ***għall-fornituri*** tas-servizzi spazjali ***li ġejjin***:	1. Dan ir-Regolament japplika ***għall-forniment*** tas-servizzi spazjali ***fl-Unjoni***:

Or. en

Emenda 1146
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1147
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1148
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1149
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1150
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1151
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali.	(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim fis-seħħ***.

Or. en

Emenda 1152
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx għall-orbiti lil hinn mill-orbita Dinjija ġeostazzjonarja (GEO).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1153
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx għall-orbiti lil hinn mill-orbita Dinjija ġeostazzjonarja (GEO).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1154
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx għall-orbiti lil hinn mill-orbita Dinjija ġeostazzjonarja (GEO).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1155
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx ***għall-orbiti lil hinn mill-orbita*** Dinjija ***ġeostazzjonarja (GEO)***.	2. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, il-Kapitoli I u V, ma japplikawx ***għal oġġetti spazjali li ma joperawx fl-orbita*** dinjija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tal-esklużjoni fissa "lil hinn mill-GEO" bil-fraži "li ma joperawx fl-orbita dinjija" tagħti stampa aħjar tal-esklużjoni tal-kamp ta' applikazzjoni maħsub (missjonijiet

ċislunari, interplanetarji) filwaqt li tevita l-ambigwità teknika tal-fraži "lil hinn mill-GEO" għal orbiti ellittiċi jew ta' trasferiment ħafna. Il-formulazzjoni riveduta hija teknikament preċiża u teknoloġikament newtrali.

Emenda 1156
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:	3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal ***entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, tas-sigurtà pubblika, tad-difiża jew tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u lanqas l-attivitajiet fl-ispazju mwettqa f'isimhom irrispettivament minn liema operatur spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitazzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni bħal fid-Direttivi CER u NIS2.

Emenda 1157
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) l-attivitajiet fl-ispazju mwettqa f'orbiti lil hinn mill-orbita ġeostazzjonarja tad-dinja (GEO)

Or. en

Emenda 1158
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-oġġetti spazjali użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema fornitur tas-servizzi spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;	(a) l-oġġetti spazjali ***inklużi d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi li jipprovdu*** użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema fornitur tas-servizzi spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1159
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-oġġetti spazjali użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema ***fornitur tas-servizzi*** spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;	(a) l-oġġetti spazjali***, inklużi d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi li jipprovdu,*** użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża jew ta' sigurtà nazzjonali, irrispettivament minn liema ***operatur*** spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1160
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-oġġetti spazjali użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża ***jew ta' sigurtà nazzjonali***, irrispettivament minn liema fornitur tas-servizzi spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;	(a) l-oġġetti spazjali ***li jkunu proprjetà ta' Stat Membru jew tal-Unjoni*** użati esklussivament għal skopijiet ta' difiża, irrispettivament minn liema fornitur tas-servizzi spazjali jwettaq l-attivitajiet fl-ispazju;

Or. en

Emenda 1161
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-attivitajiet fl-ispazju lil hinn mill-orbita ċimiterju, inkluża titjira ta' tranżitu tal-oġġetti spazjali rilevanti lejn u lil hinn mill-orbita ċimiterju

Or. en

Emenda 1162
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali mqiegħda temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata tal-missjoni spazjali rispettiva;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1163
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali mqiegħda temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata tal-missjoni spazjali rispettiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1164
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali mqiegħda temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari***,*** ***għad-durata tal-missjoni*** spazjali ***rispettiva***;	(b) l-oġġetti spazjali mqiegħda temporanjament ***jew parzjalment*** għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari***. Kull Stat Membru għandu jiddetermina fid-diskrezzjoni unika tiegħu jekk oġġett*** spazjali ***jaqax taħt din l-esklużjoni, mingħajr ebda obbligu li jinnotifika jew jiġġustifika dik id-determinazzjoni lill-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 1165
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali ***mqiegħda***	(b) l-oġġetti spazjali ***li jitqiegħdu, fuq***

temporanjament għal finijiet ta' difiża ***permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata tal-missjoni spazjali rispettiva***;	***bażi eċċezzjonali u temporanja, taħt il-kmand u l-kontroll operazzjonali esklużiv tal-awtoritajiet militari, strettament limitati għad-durata ta' missjoni militari speċifika, u li jintużaw biss*** għal finijiet ta' difiża;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-restrizzjoni tal-esklużjoni militari biex tirrikjedi "il-kmand u l-kontroll operazzjonali esklużiv" u "biss għal finijiet ta' difiża" matul "missjoni militari speċifika" tipprevjeni l-abbuż tal-esklużjoni. Il-formulazzjoni riveduta tippreżerva l-ambitu leġittimu tal-esklużjoni filwaqt li tagħlaq kwalunkwe lakuna.

Emenda 1166
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali ***mqiegħda*** temporanjament ***għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari,*** għad-durata ***tal-missjoni*** spazjali ***rispettiva***;	(b) l-oġġetti spazjali***, inklużi d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi li jipprovdu, użati*** temporanjament ***għat-twettiq ta' operazzjonijiet relatati mad-difiża jew mas-sigurtà nazzjonali*** għad-durata ***tal-operazzjonijiet*** spazjali ***rispettivi***;

Or. en

Emenda 1167
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-oġġetti spazjali ***mqiegħda*** temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata ***tal-missjoni*** spazjali ***rispettiva***;	(b) l-oġġetti spazjali***, inklużi d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi li jipprovdu, imqiegħda*** temporanjament għal finijiet ta' difiża permezz ta' operazzjoni u kontroll militari, għad-durata ***tal-operazzjonijiet*** spazjali ***rispettivi***;

Or. en

Emenda 1168
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-attivitajiet fl-ispazju mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali regolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, mingħajr preġudizzju għall-forniment ta' servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Meta l-organizzazzjonijiet internazzjonali jipprovdu tali servizzi spazjali jew data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni jew jipparteċipaw f'attivitajiet rilevanti għal dan ir-Regolament, il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom, inklużi l-kundizzjonijiet għall-konformità jew l-ekwivalenza, jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Unjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE. Tali ftehimiet jistgħu, meta jkun xieraq, jipprevedu arranġamenti li jiżguraw livell ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali ekwivalenti għal dak mehtieġ skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tar-Regolament tista' toħloq inċertezza legali rigward il-ġuriżdizzjoni u l-infurzar, peress li l-operazzjonijiet tagħhom huma regolati mid-dritt internazzjonali pubbliku u jirriflettu status legali distint.

Emenda 1169
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-assi*** llanċjati qabel ***l-1 ta' Jannar 2030***.	(d) ***l-oġġetti spazjali llanċjati u ppjanati li jiġu*** llanċjati qabel ***48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1170
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-assi*** llanċjati qabel ***l-1 ta' Jannar 2030***.	(d) ***l-oġġetti spazjali*** llanċjati qabel u ppjanati li jiġu llanċjati qabel ***36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1171
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-assi*** llanċjati ***qabel l-1 ta' Jannar 2030***.	(d) ***l-oġġetti spazjali*** llanċjati ***36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1172
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-assi llanċjati qabel ***l-1 ta' Jannar 2030***.	(d) l-assi llanċjati qabel ***id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tad-data limitu fissa tal-1 ta' Jannar 2030 għall-assi ta' anterjorità bil-fraži "qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament" tiżgura l-funzjonijiet ta' esklużjoni bħala carve-out ta' legat ġenwin irrispettivament minn meta r-Regolament jidħol fis-seħħ.

Emenda 1173
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-assi llanċjati qabel ***l-1 ta' Jannar 2030***.	(d) l-assi llanċjati qabel ***id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1174
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. l-attivitajiet fl-ispazju mwettqa lil hinn mill-orbita ċimiterju, inklużi titjiriet ta' tranżitu tal-oġġetti spazjali rilevanti lejn u lil hinn mill-orbita ċimiterju;

Or. en

Emenda 1175
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I, rigward id-disinn u l-manifattura tal-oġġetti spazjali għandhom japplikaw għall-oġġetti spazjali li l-operazzjoni tagħhom tkun tiġġenera data bbażata fl-ispazju li tintuża fl-Unjoni jew li tippermetti l-forniment ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1176
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I, rigward id-disinn u l-manifattura tal-oġġetti spazjali għandhom japplikaw għall-oġġetti spazjali li l-operazzjoni tagħhom tkun tiġġenera data bbażata fl-ispazju li tintuża fl-Unjoni jew li tippermetti l-forniment ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1177
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I, rigward id-disinn u l-manifattura tal-oġġetti spazjali għandhom japplikaw għall-oġġetti spazjali li l-operazzjoni tagħhom tkun tiġġenera data bbażata fl-ispazju li tintuża fl-Unjoni jew li tippermetti l-forniment ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kapitolu I, rigward id-disinn u l-manifattura tal-oġġetti spazjali għandhom japplikaw għall-oġġetti spazjali li l-operazzjoni tagħhom tkun tiġġenera data bbażata fl-ispazju li tintuża fl-Unjoni jew li tippermetti l-forniment ta' servizzi spazjali fl-Unjoni***, soġġett għall-kwalifiki u l-eċċezzjonijiet speċifikati f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1178
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Or. en

Emenda 1179
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn*** dan ir-Regolament***, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24***.	1. Dan ir-Regolament ***ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali bil-ħsieb li jinkiseb livell ogħla ta' sikurezza tal-attivitajiet fl-ispazju***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Immudellata mid-Direttivi CER u NIS2.

Emenda 1180
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment*** tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali ***fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi*** spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni ***tal-oġġetti*** spazjali ***msemmi*** fl-Artikolu 24.	1. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw il-moviment liberu, fl-Unjoni,*** tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali ***kif kopert minn dan ir-Regolament, li jirriżultaw mill-attivitajiet*** spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni ***tal-Attivitajiet*** Spazjali ***(URSA) imsemmi*** fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1181
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fir-reġistru*** tal-Unjoni ***tal-oġġetti*** spazjali ***msemmi*** fl-Artikolu 24.	1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fir-Repożitorju*** tal-Unjoni ***tal-Attivitajiet*** Spazjali ***(URSA) imsemmi*** fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1182
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet ***relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali kif koperti minn dan ir-Regolament***, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.	1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet ***għajr fini ta' difiża***, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1183
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali*** kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni ***minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24***.	1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza ***u r-reżiljenza*** kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni***. Ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà ambjentali ma għandhomx iservu bħala raġunijiet għar-restrizzjoni tal-aċċess għas-suq***.

Or. en

Emenda 1184
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali*** kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.	1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza ***u r-reżiljenza*** kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1185

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ***ambjentali*** kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.	1. L-Istati Membri ma għandhomx jirrestringu, għal raġunijiet relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà kif koperti minn dan ir-Regolament, il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali fl-Unjoni minn fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni tal-oġġetti spazjali msemmi fl-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 1186
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni fit-territorji tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni jippermetti lill-Istati Membri jimponu rekwiżiti aktar stretti fuq operaturi minn Stati Membri oħra li joperaw jew jillanċjaw fit-territorju tagħhom — l-invers preċiż ta' objettiv tas-suq uniku.

Emenda 1187
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza***, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali*** fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji ***biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni*** fit-territorji tagħhom.	2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza ***jew ir-reżiljenza*** fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji***, strettament proporzjonati u nondiskriminatorji u jkunu relatati mar-riskji lokali identifikati b'mod ċar*** fit-territorji tagħhom. ***Tali rekwiżiti aktar stretti ma għandhomx jintużaw bħala strumenti ta' politika ambjentali jew industrijali de facto.***

Or. en

Emenda 1188
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, ***meta***	2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati

fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet ***rispettivi*** għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti ***dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament ***neċessarji*** biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi ***soġġetti għal awtorizzazzjoni fit-territorji tagħhom***.

Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ***fit-territorji tagħhom*** jew l-illanċjar ***minnhom***, jimponu rekwiżiti aktar stretti ***minn dawk previsti f'dan ir-Regolament***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament ***essenzjali u strettament indispensabbli*** biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi***, u jkunu konsistenti mad-dritt tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1189
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, ***meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi*** Stat Membru ***li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu***, meta ***joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar***, ***jimponu*** rekwiżiti aktar stretti ***dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi	2. Minkejja l-paragrafu 1, Stat Membru ***jista'***, meta ***joħroġ awtorizzazzjoni, jimponi*** rekwiżiti aktar stretti ***minn dawk previsti f'dan ir-Regolament***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni ***fit-territorju tiegħu, u li tali rekwiżiti jkunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni***.

soġġetti għal awtorizzazzjoni ***fit-territorji tagħhom***.

Or. en

Emenda 1190
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni fit-territorji tagħhom.	2. Minkejja l-paragrafu 1, meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu, meta joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu ***essenzjali u*** oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar rispettivi soġġetti għal awtorizzazzjoni fit-territorji tagħhom.

Or. en

Emenda 1191
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-paragrafu 1, ***meta fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni***	2. Minkejja l-paragrafu 1, Stat Membru ***jista'***, meta ***joħroġ***

jkun beħsiebu jopera fi Stat Membru ***li mhux l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, jew jillanċja minnu, l-Istati Membri jistgħu***, meta ***joħorġu l-awtorizzazzjonijiet rispettivi*** għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti ***dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali fir-rigward tal-missjoni spazjali rispettiva***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar ***rispettivi*** soġġetti għal awtorizzazzjoni ***fit-territorji tagħhom***.	***awtorizzazzjoni*** għall-operazzjoni jew l-illanċjar, jimponu rekwiżiti aktar stretti ***minn dawk previsti f'dan ir-Regolament***, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu oġġettivament neċessarji biex jissalvagwardjaw is-sikurezza, ir-reżiljenza jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjoni jew tal-illanċjar soġġetti għal awtorizzazzjoni ***fit-territorju tiegħu, u li tali rekwiżiti jkunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 1192
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1193
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1194
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.	3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***l-motivazzjoni u*** l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.

Or. en

Emenda 1195
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu*** l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2*** permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.	3. ***Stat Membru għandu jipprovdi*** l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ***kwalunkwe rekwiżit aktar strett impost*** permezz tal-Portal tal-Informazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 110.

Or. en

Emenda 1196
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Klawżola dwar is-sigurtà nazzjonali	
Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat.	

Or. en

Emenda 1197
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat.	***Il-miżuri meħtieġa għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. L-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandha tinftiehem bħala obbligu ta' żvelar ta' informazzjoni klassifikata jew sensittiva rilevanti għas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.*** Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat.

Or. en

Emenda 1198
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat.	Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali u ***s-setgħa tagħhom li jissalvagwardjaw*** funzjonijiet essenzjali oħra tal-Istat***, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat u l-iżgurar tal-istat ta' prontezza u r-rispons f'każ ta' emerġenza jew kriżi***. ***Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-libertà li jintużaw is-servizzi u d-data spazjali minn atturi governattivi f'dawn l-oqsma.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-settur spazjali strateġikament importanti ma jeħtieġx inċertezzi jew burokrazija addizzjonali fir-rigward ta' kif l-Istati Membri tal-UE jistgħu jirrispondu, pereżempju, f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Emenda 1199
Paolo Borchia, Silvia Sardone, Jorge Martín Frías, Raffaele Stancanelli, Aleksandar Nikolic, Isabella Tovaglieri, Mélanie Disdier, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Barbara Bonte, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Proporzjonalità bbażata fuq ir-riskju
	Fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-

	Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi tekniċi, operazzjonali u amministrattivi jiġu applikati b'mod koerenti, ibbażat fuq ir-riskju u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attività fl-ispazju, ir-reġim orbitali, u d-daqs u l-kapaċità tal-operatur.

Or. en

Emenda 1200
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Proporzjonalità bbażata fuq ir-riskju
	1. Sabiex jimplimentaw u jinfurzaw dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi tekniċi, operazzjonali u amministrattivi jkunu koerenti, ibbażati fuq ir-riskju u proporzjonati, filwaqt li jqisu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attività spazjali, ir-reġim orbitali, u d-daqs tal-operatur.

Or. en

Emenda 1201
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett magħmul mill-bniedem li ***jintbagħat*** fl-ispazju estratmosferiku, inkluż inġenju spazjali u l-istadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar;	(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett magħmul mill-bniedem li ***jiġi llanċjat, jew maħsub biex jiġi llanċjat,*** fl-ispazju estratmosferiku ***jew immuntat fl-ispazju***, inkluż inġenju spazjali ***jew il-partijiet komponenti tiegħu*** u l-istadju orbitali tal-vettura tal-illanċjar ***jew partijiet minnu***;

Or. en

Emenda 1202
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett magħmul mill-bniedem li ***jintbagħat*** fl-ispazju estratmosferiku, inkluż inġenju spazjali u ***l-istadju orbitali tal-vettura*** tal-illanċjar;	(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett magħmul mill-bniedem li ***jiġi llanċjat, jew maħsub biex jiġi llanċjat,*** fl-ispazju estratmosferiku, inkluż inġenju spazjali ***jew il-partijiet komponenti tiegħu*** u ***l-vettura*** tal-illanċjar ***jew partijiet minnha***;

Or. en

Emenda 1203
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett ***magħmul mill-bniedem li jintbagħat*** fl-ispazju estratmosferiku, inkluż inġenju spazjali u ***l-istadju orbitali tal-vettura*** tal-illanċjar;	(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett ***illanċjat*** fl-ispazju estratmosferiku***, jew immuntat fl-ispazju***, inkluż inġenju spazjali u ***l-vettura*** tal-illanċjar ***jew partijiet minnha***;

Or. en

Emenda 1204
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett ***magħmul mill-bniedem li jintbagħat*** fl-ispazju estratmosferiku, inkluż inġenju spazjali u ***l-istadju orbitali tal-vettura*** tal-illanċjar;	(1) "oġġett spazjali" tfisser oġġett ***illanċjat*** fl-ispazju estratmosferiku***, jew immuntat fl-ispazju***, inkluż inġenju spazjali u ***l-vettura*** tal-illanċjar ***jew partijiet minnha***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-frażijiet "jew immuntat fl-ispazju" (li tkopri l-manifattura fl-ispazju u l-assemblaġġ fuq l-orbita) u "vettura tal-illanċjar jew partijiet minnha" fid-definizzjoni ta' oġġett spazjali tibqa' valida fil-futur bħala l-qafas għal teknoloġiji emerġenti inkluż l-assemblaġġ modulari, is-servizzjar fuq l-orbita u l-istadji superjuri li jistgħu jerġgħu jintużaw. Id-definizzjoni oriġinali kienet toħloq lakuna regolatorja għal arkitetturi ġodda li diġà qed jiġu żviluppati.

Emenda 1205
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq tal-lanċjatur, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;	(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni***, riċerka f'oqsma predefiniti***, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq tal-lanċjatur, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;

Or. ro

Emenda 1206
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq tal-lanċjatur, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;	(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq tal-lanċjatur ***manuvrabbli***, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;

Or. en

Emenda 1207
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq ***tal-lanċjatur***, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;	(2) "inġenju spazjali" tfisser oġġett spazjali ddesinjat biex iwettaq funzjoni speċifika jew missjoni spazjali, bħall-forniment ta' servizzi tal-komunikazzjoni, in-navigazzjoni jew l-osservazzjoni, jew il-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi fl-ispazju, inkluż satellita, l-istadji ta' fuq ***tal-vettura tal-illanċjar***, jew il-vettura tad-dħul mill-ġdid;

Or. en

Emenda 1208
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "kostellazzjoni" tfisser grupp ta' ***oġġetti spazjali li jikkonsisti minn imqar 10*** inġenji spazjali ***operazzjonali, iżda mhux aktar minn 99 minn dawk l-inġenji spazjali,*** li jaħdmu flimkien għal missjoni spazjali komuni, soġġetti għal pjan orbitali predefinit ta' introduzzjoni***;***	(3) "kostellazzjoni" tfisser grupp ta' inġenji spazjali li jaħdmu flimkien għal missjoni spazjali komuni, soġġetti għal pjan orbitali predefinit ta' introduzzjoni***; Ir-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi tal-kostellazzjoni għandhom ikunu proporzjonati għall-profil tar-riskju tal-missjoni, filwaqt li jitqiesu l-għadd ta' inġenji spazjali, ir-reġim orbitali u l-impatt potenzjali fuq l-ambjent orbitali.***

Or. en

Emenda 1209
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
